**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**
**(Spettur David Saliba)**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs.**

**Joseph Grech**
**George Briffa**

Numru 486/2001

Illum 19 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Joseph Grech**, ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Carmelo u Maria Stella xebba Muscat, imwieled il-Marsa fit-2 ta' Ottubru 1967 u joqghod Blk B4, Flat 8, Triq id-Dawr, Housing Estate, Mosta, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 423567(M)

u

**George Briffa**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Alfred u Violet neé Agius, imwieled San Giljan fis-17 ta' Awwissu 1980 u joqghod 151/1, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 573080(M)

akkuzati talli:

1. f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, billi fi Triq il-Kanun, Santa Venera, limiti tal-Hamrun fis-26 ta' Ottubru 2000 ghall-habta ta' 12.35pm flimkien ma' persuni ohra, ikkommettew serq ta' madwar Lm884,200.00[1] fi flus kontanti Maltin u barranin fuq vann tal-*Group 4*, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, u valur li jeccedi l-Lm100.00[2] u tax-xorta tal-haga misruqa;

2. fi Triq il-Kanun, Santa Venera limiti tal-Hamrun fis-26 ta' Ottubru 2000 ghall-habta ta' 12.35 flimkien ma' persuni ohra bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarrestaw lill hati, arrestaw, zammew u jew issekwestraw lil xi persuni u cioé lil Saviour Galea, kontra l-volonta' tieghu jew taw post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

3. fil-hin li ghamlu d-delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom armi tan-nar, armi regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' armi regolari;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi huma garrew armi tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. minn Triq it-Turisti, l-Qawra fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Awwissu 2000 ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford

---

[1] €2,059,631.96.

[2] €232.94.

Escort Van tal-lewn abjad li jgib in-numru tar-registrazjoni FAE 505, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' John Mary Debono minn Hal-Qormi;

6. minn Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Awwissu 2000 ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Toyota Van ta' lewn abjad, li jgib in-numru tar-registrazzjoni AAK 039 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Emanuel Gauci minn San Pawl il-Bahar;

7. minn Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar fil-lejl ta' bejn is-6 u 7 ta' Settembru 2000 ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Hyundai ta' lewn il-fidda li jgib in-numru tar-registrazzjoni EAK 502 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta ta' haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Costantino Borg minn B'Kara, u jew terzi persuni;

8. fid-29 ta' Ottubru 2000 u fix-xahar ta' qabel f'Wied is-Sewda, Haz-Zebbug, f'hin mhux maghruf, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli f'vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni FAE 505 u dan ghad-dannu ta' John Mary Debono liema hsara tiskorri s-somma ta' Lm500.00[3];

9. fix-xhur ta' qabel is-26 ta' Ottubru 2000, f'diversi lokalitajiet f'hin mhux maghruf, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé f'zewg vetturi tal-ghamla Hyundai u Toyota bin-numru tar-registrazzjoni AAK 039 ghad-dannu ta' Emanuel Gauci u EAK 502 ghad-dannu ta' Costntino Borg u/jew terzi persuni liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' Lm50.00[4] u dan ghad-dannu tal-imsemmija sidien;

[3] €1164.69.
[4] €116.47.

10. l-imsemmija Joseph Grech u George Briffa huma recidivi b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Vera Kopja tal-Process Verbal bin-Numru 1410/2010 redatt mill-Magistrat Inkwirenti.[5]

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 771) datata 2 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18, 261(a)(b)(c)(g), 262, 263, 267, 271, 275, 277, 278, 279, 325 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-Artikoli 86, 87, 49, 50, 533 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-Artikoli 2, 3, 19, 26 tal-Kapitolu 66.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 772), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-2 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 771), f'liema seduta d-difiza ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, fis-seduta 29 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 916), Dr. Kathleen Grima ghall-imputat Joseph Grech iddikjarat li l-imputat Grech ma kellux aktar xhieda xi jipproduci.

Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 970), Dr. Joseph Giglio ghall-imputat George Briffa ddikjara, fost l-ohrajn, li l-imputat George Briffa ma kienx ser jixhed f'dawn il-proceduri.

Rat illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2015, il-Prosekuzzjoni u d-difiza ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom bil-fomm (*a fol.* 1007 *et seq.*).

[5] Dan il-Process Verbal jinsab go *envelope loose*.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 1202 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 1211 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ghan-nom taz-zewg imputati ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 1211 *et seq.*), il-Qorti kif preseduta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Semghet, fis-seduti tat-3 ta' Mejju 2016 u tas-17 ta' Mejju 2016, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza (*a fol.* 1222 *et seq.* u *a fol.* 1240 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2001, xehdet id-**Deputat Registratur Marica Caruana** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn ezebiet bhala Dok. "MC" (*envelope loose*) Vera Kopja tal-Process Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti rigward *hold-up* li sar fis-26 ta' Ottubru 2000 fuq il-vann tal-*Group 4 Securitas* fi Triq il-Kanun, Santa Venera.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2001, xehed ukoll **Matthew James Greenhalgh** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu tieghu fl-Inkjesta Magisterjali. Ir-rapport tieghu gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MG" (*a fol.* 22 *et seq.*)[6]. Huwa spjega x'ghamel biex wettaq dan l-inkarigu. Fir-rapport tieghu, Grennhalgh wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

[6] Dan huwa identiku ghal Dok. "MG 1" li jinsab *a fol.* 83 *et seq.* tal-Vera Kopja tal-Process Verbal.

*"In expressing the evidential significance of my findings, I have used the following scale: no scientific support, limited, moderate, moderately strong, strong, very strong and extremely strong scientific support.*

- *In my opinion, the STR profiling results provide **extremely strong scientific support** for the assertion that the cellular material on the balaclava 8 originated from Briffe [Briffa] George.*

- *In my opinion, the STR profiling results provide **extremely strong scientific support** for the assertion that the cellular material on the balaclava 10 originated from Joseph Grech.*

- *The cellular material on the cigarettes could not have originated from Mario Cutajar, Alfredo Degiorgio, Joseph Grech, George Degiorgio, Carmelo Spiteri, Briffe [Briffa] George or George Frendo.*

- *STR profiling tests on the black shirt and the blue top were unsuccessful"* (*a fol.* 24).

In kontro-ezami, meta gie mistoqsi jghid min ghamel it-testijiet in kwistjoni, wiegeb: *"The tests were conducted by people working in the laboratory under my supervision. I examined the items and directed them to former tests, and then I analysed the results. […] I did not personally conduct the tests"* (*a fol.* 41).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2001, xehed l-i**Spettur David Saliba** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn spjega x'kien l-involviment tieghu fl-investigazzjonijiet fir-rigward tal-*hold-up* fi Triq il-Kanun, Santa Venera, fuq vann tal-*Group 4*, f'liema *hold-up* kienu nsterqu ammont konsiderevoli ta' flus kontanti. Jghid li kien infurmat li l-vann tal-*Group 4* kien hareg mill-bank HSBC mghobbi b'ammont ta' flus liema vann kien gie intercettat minn vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni EAK 502 ta' lewn *silver* fil-griz. Jghid li rrizulta li kienu tnejn il-persuni li hargu minn din il-vettura. Spjega kif il-Magistrat Inkwirenti mexxa Inkjesta Magisterjali u hatar diversi esperti sabiex jghinuh fl-Inkjesta. Spjega wkoll li ttiehdu

proceduri kriminali fil-konfront ta' Emanuel Formosa, ix-xufier tal-vann tal-*Group 4*. Jghid li fil-5 ta' Novembru 2000 kien ircieva struzzjonijiet minn ghand l-Assistent Kummissarju John Rizzo sabiex imur barra l-fond 24, Triq San Gorg gewwa Birzebbuga u meta jigi l-persuna/persuni li kienu joqghodu f'dak il-fond kellu jintercettahom u jinforma lill-Assistant Kummisarju. Jghid li tard filghaxija giet intercettata persuna li dahal hemmhekk u minn tfittxija li saret fil-post kienu nstabu kwazi l-flus kollha li kienu allegatament insterqu mill-vann tal-*Group 4*. Jghid li mal-flus kien hemm zewg balaklavi, *mobile phone* u kif ukoll flus b'xi karti u dokumenti ohrajn li kienu fil-vann. Jghid li tul l-investigazzjoni gew arrestati z-zewg imputati. Ezebixxa numru ta' dokumenti, li jikkonsistu f'numru ta' stqarrijiet mehuda mill-imputati (Dok. "GB", "GB 1", "JG", "JG 1", "JG 2" – *a fol.* 72 *et seq.*). Ezebixxa wkoll zewg ricevuti li gew immarkati bhala Dok. "DS" u Dok. "DS 1" *(a fol.* 151s(i) u 151s(ii)). Jghid li nhasset il-htiega li l-Magistrat Inkwirenti jigi mitlub sabiex lill-persuni li kienu qed jigu nvestigati u li fuqhom kellhom suspett li setghu ghamlu dan ir-reat, jittiehdulhom u jsirulhom testijiet ghal dawk li huma DNA. Jghid li z-zewg imputati gew imressqa l-Qorti in segwitu tar-rizultati tad-DNA *testing* li gie prezentat minn Matthew James Greenhalgh.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 (*a fol.* 921 *et seq.*), ikkonferma li Dok. "JR" (*a fol.* 599 *et seq.*) gie ffirmat minnu. Ikkonferma li l-ewwel ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' tlitt persuni liema kaz ghadu pendenti u fejn il-persuni huma Mario Cutajar (fejn instabu l-flus), Emanuel Formosa (ix-xufier tal-vann), u Alfred Degiorgio (instab *finger-print* tieghu fuq oggett partikolari). Jghid li mill-investigazzjoni ma rrizultalu l-ebda ness bejn Emanuel Formosa u George Briffa. Jghid li George Briffa ma ssemma mkien. Jghid li anqas ma rrizulta ness bejn Mario Cutajar u George Briffa. Jghid li fl-investigazzjoni fir-rigward ta' Alfred Degiorgio qatt ma gie implikat George Briffa. Anqas ma rrizulta konnessjoni bejn George Briffa u l-hyundai ta' Angelo Caruana. Jghid li fl-investigazzjonijiet tieghu rigward il-vann tal-*Group 4* u l-kwistjoni tan-nuqqas ta' proceduri li gew osservati minn naha tal-*Group 4*, ma rrizulta l-ebda involviment ta' George Briffa. Jghid li ma rrizulta l-ebda ness bejn George Briffa u l-hruq tal-vann fis-27 ta' Ottubru

2000 f'limiti ta' Zebbug. Jghid li jidhirlu li Haz-Zebbug kien mar kmieni wara nofsinhar pero ma jiftakarx il-hin ezatt. Wara li saritlu riferenza ghal stqarrija mmarkata bhala Dok. "GB" (*a fol.* 75 *et seq.*) u gie suggeriet lilu li meta l-vann inharaq, Briffa kien fil-fatt taht arrest, hu kkonferma li mill-5.45pm tas-26 ta' Ottubru 2000 sad-9.15pm tas-27 ta' Ottubru 2000 l-imputat Briffa kien arrestat. Ikkonferma li, skond il-logika, Briffa kien taht arrest fil-hin li hu (l-iSpettur Saliba) mar Haz-Zebbug. Jghid li ma rrizultax li Briffa harab waqt li kien taht arrest ghax altrimenti kienet issir investigazzjoni ohra. Ikkonferma li ma nnutax il-prezenza tal-imputat Briffa mill-mument li mar ghassa quddiem ir-residenza f'Birzebbuga sakemm marret il-persuna fil-fond. Ikkonferma wkoll li rrizulta li Briffa ma kellu ebda konnessjoni ma' din ir-residenza. Ikkonferma li ma kien hemm l-ebda konnessjoni bejn George Briffa u l-vann li huwa gie mitlub jintervjeni meta jasal. Ghad-domanda: *"Issa ara hux qed nifhem tajjeb Sur Saliba allura, fil-kaz ta' George Briffa mill-investigazzjoni taghkom l-unika xrara jew tracca ta' prova hija balaklava li kellha DNA u li nstabet taht is-sodda ta' Mario Cutajar, qed nifhem tajjeb?"* (*a fol.* 929), wiegeb: *"Ehe dak kien konsegwenza ta' l-espert li kien gie nominat saret it-talba sabiex issir id-DNA testing, ehe l-unika prova li kien hemm indikazzjoni ta' tracca ta' xi haga ta' George Briffa"* (*a fol.* 929). Jghid li ma jafx jekk il-balaklava kienitx proprjeta' ta' George Briffa pero jghid li min waqqaf il-vann dakinhar tal-*hold-up* kien liebes balaklava. Jghid: *"Jiena fuq din il-balaklava l-unika haga li naf zgur ma jpingiex fuq George Briffa direttament, l-unika haga li naf instabet mar-res furtiva"* (*a fol.* 930). Ghad-domanda: *"Issa jekk intlibset minn George Briffa, taf meta sar dan?"* (*a fol.* 930), wiegeb: *"Setghet intlibset gurnata qabel, xahar qabel ma nistax nghid"* (*a fol.* 930). Jghid li anqas jaf jekk intlibsitx. Jghid: *"Id-decizjoni ttiehdet mill-group investigattiv ghaliex kien hemm ir-rizultati ndikattivi tad-DNA fuq il-balaklava"* (*a fol.* 931). Jghid: *"fil-konfront ta' George Briffa ma sibna l-ebda link direttament u nkun pruzuntuz jekk nghid indirettament ghax indirettament kien hemm dak ir-rizultat tad-DNA biss. Pero' jekk qed issaqsini jekk qattx kien hemm xi prova diretta tul l-investigazzjoni kollha li tipponta lejn George Briffa tista' tfittex kemm tfittex ghax m'hemmx"* (*a fol.* 931). Jghid: *"Il-hsieb kien illi jinqatghu dawk il-proceduri u dawk l-imputati jigu hawn bhala xhieda"* (*a fol.* 932). Ikkonferma li Emanuel Formosa, Mario Cutajar u Degiorgio lil Briffa ma jafuhx u anqas isemmuh. Jghid li

m'hemmx konnessjoni bejniethom. Jghid li anqas hemm link bejn l-imputat Briffa u dak li qal il-pulizija Gino Demanuele li qal li ra vettura suspettuza hdejn il-bank HSBC dakinhar tal-*hold-up*.

In ri-ezami, li sar fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 961 *et seq.*), wara li gie moqri lilu parti mid-depozizzjoni tieghu tal-20 ta' Settembru 2001 u dak li huwa xehed in kontro-ezami, jghid: *"ghaliex jiena kont parti minn dik l-investigazzjoni, versus George Briffa kienet, anke l-arraignment u l-kumpilazzjonijiet kienet biss abbazi tar-rizultati tad-DNA. Jiena spjegajt ukoll illi sussegwentement l-istrategija tieghi fost il-Prosekuzzjoni kienet illi nikkorrobora certu affarijiet ma' ohra [...]. Jiena ridt nieqaf biss mal-prima facie mad-DNA, ghaliex dik biss kelli"* (*a fol.* 962). Mistoqsi dwar minn fejn kien ittiehed il-kampjun li gie ezaminat, wiegeb li jidhirlu li kienet evidenza li kienet ingabret qalb il-flus li kienu nstabu, fosthom il-balaklava. Jghid li jidhirlu li fil-konfront ta' George Briffa kienet il-balaklava.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2001, xehed ukoll **PC 658 Antoine Caruana** (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn spjega li fis-7 ta' Settembru 2000 giet rappurtata nieqsa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAK 502 proprjeta' ta' Constantino Borg. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "AC" (*a fol.* 88 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2001, xehed ukoll **PC 516 Alfio Borg** (*a fol.* 92 *et seq.*) fejn ezebixxa *video* li ha hu stess fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti liema *video* gie mehud meta gie sgassat il-garaxx fejn gew misjuba l-flus f'Birzebbuga u meta kien qed jigu maghduda l-flus gewwa d-Depot tal-Pulizija. Ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala Dok. "AB" (*a fol.* 93 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010 (*a fol.* 850 *et seq.*) jghid li, bejn wiehed u iehor, mar wara l-10.00pm fuq il-post f'Birzebbuga. Ghad-domanda: *"Inti dan il-filmat li jiena rajt jibda b'sodda bis-saqqu maqlub u bil-boards ta' taht is-saqqu wkoll mhux qeghdin hemm. Inti meta mort fuq il-post, hekk kienet is-sodda?"* (*a fol.* 851), wiegeb: *"Iva hekk sibtha"* (*a fol.* 851). Jghid li l-flus u boroz kienu go xugamani u boroz. Ma jafx f'liema boroz iddahhlu l-balaklavi. Anqas jiftakar li kien hemm balaklavi.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2001, xehed **PC 1491 Gino Demanuele** (*a fol.* 97 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Ottubru 2000 ghal xi l-11.00am kien ghaddej minn hdejn ic-Centru Ruzar Briffa fejn innota vettura tat-tip Diahatsu Cuore bin-numru ta' registrazzjoni FBK 107 u li fiha kien hemm persuna liebes *baseball cap* u nuccali skur li haseb li kien xi hadd mill-Pulizija li kien qed jaghmel *observation point*. Meta gie mistoqsi jghid jekk gharafx il-persuna li kien gol-vettura, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2001, xehdet ukoll **Dr. Veronica Aquilina** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn ezebiet kopja tar-rapport taghha[7] li pprezentat quddiem il-Magistrat Inkwirenti fuq inkarigu li gie moghti lilha fis-26 ta' Ottubru 2000. Ir-rapport gie mmarkat bhala Dok. "VA" (*a fol.* 105). Mistoqsija fuq l-inkarigu taghha, tghid li l-inkarigu li kellha kien biex tigbor ix-xhieda kemm fis-26 ta' Ottubru 2000 u kif ukoll meta nstabu l-flus. Tghid li kellha nkarigu biex jingabru l-flus u jittiehdu lura l-bank HSBC.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2001, xehed ukoll il-**Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tar-rapport tieghu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "RA" (*a fol.* 108 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010 (*a fol.* 840 *et seq.*), spjega min kienu n-nies li kien hemm fil-fond 24, St. Joseph Street, Birzebbuga. Ma jafx jekk l-affarijiet kienux inqalghu dak il-hin jew qabel. Jidhirlu li ngabru kif instabu. Jghid li kienu go kutra. Wiegeb fl-affermattiv ghad-domanda jekk ittiehdux barra mill-post fl-istess stat li fil-fatt instabu taht is-saqqu. Ghad-domanda: *"Jigifieri ma kien hemm l-ebda kambjament li dawn tpoggew f'xi haga ohra jew f'affarijiet ohra?"* (*a fol.* 842), wiegeb: *"Li kienu ddahhlu go boroz tal-plastik kif ghandi fir-relazzjoni"* (*a fol.* 842). Mistoqsi fuq il-balaklavi, jghid li wahda kienet sewda. Jghid li l-ohra ma ghandux il-kulur taghha pero jghid li kollox gie fotografat. Ghad-domanda: *"din il-balaklava, nghid sew li kien gie allegat li kien fiha xi flus?"* (*a fol.* 843), wiegeb: *"Wahda minnhom bil-flus. Skuzani, tnejn. Balaklava bil-flus u balaklava sewda"* (*a fol.* 843). Jghid li huwa ma mess xejn. Ghad-domanda: *"Inti din il-balaklava li qed nistaqsik*

[7] L-ezebiti jinsabu f'kumpilazzjoni ohra (*a fol.* 102).

*dwarha li allegatament kien fiha l-flus pero inti m'ghandekx indikat li kien fiha l-flus u lanqas il-kulur, nistghu nghidu min din ihhendiljaha u kif ihhendiljaha u jekk kinitx ma' boroz ohra u jekk kienitx wahedha?"* (*a fol.* 846), wiegeb: *"handled zgur minn tas-SOCO"* (*a fol.* 846), u ghad-domanda ta' wara: *"Kif?"* (*a fol.* 846), wiegeb: *"Ma nafx. Jiena assolutament ma mmissx"* (*a fol.* 846). Ikkonferma li kien hemm numru ta' persuni prezenti kif hemm imnizzel fir-relazzjoni tieghu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2001, xehed ukoll l-i**Spettur Angelo Caruana** (*a fol.* 136 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Ottubru 2000 kien *duty officer* u li meta gie nfurmat bil-*hold-up* in kwistjoni, mar fuq il-post u spjega x'sab. Jghid li gie nfurmat il-Magistrat Inkwirenti fejn minn naha tieghu nnomina diversi esperti sabiex jassistuh fl-Inkjesta. Spjega li fil-vettura Hyundai li minnha kienu hargu n-nies li ghamlu s-serqa, instabu xi *cigarette buds* u gie deciz li jmorru ghal DNA bis-suspettati li kellhom. Jghid: *"L-ghada filghodu meta dhalt gejt brifjat mis-Sur Rizzo u mill-iSpettur David Saliba illi nstabu somma sostanzjali ta' flus mat-tmien mitt elf lira f'post B'Buga, instabu go xi sodda u mal-flus instabu xi balaklavi, telecell u xi hwejjeg u li kien hemm zewg persuni detenuti sabiex inkellmuhom"* (*a fol.* 142). Spjega li kien baghat ghal Emanuel Formosa li ammetta l-involviment tieghu. Spjega x'intqal lilu minn Formosa u kompla jghid: *"Jien staqsejtu u ghidtlu isma inti lil dawn in-nies li rajt darbtejn u darba minnhom forsi ghal ftit hin, taghrafhom u qalli "iva" u jiena tajtu l-kotba, urejtu kotba tas-CID li ghandna ritratti fuqhom u pponta zewg persuni illi wiehed minnhom, wiehed mir-ritratti kien Joseph Grech"* (*a fol.* 144). F'dan l-istadju x-xhud ndika lill-imputat Grech fl-awla. Jghid li dak li qallu Formosa qalu bil-gurament u f'okkazzjoni minnhom sar konfront bejn Formosa u l-imputat Grech li identifikah quddiem il-Magistrat. Fir-rigward ta' Briffa jghid li dan kien arrestat bhala suspettat u li mill-informazzjoni li kellhom kien *prime suspect* u li ghalhekk dehrilhom li kellhom jibghatu ghalih meta kien ittiehed is-*sample* tad-DNA. Spjega li l-vann li nstab mahruq f'Haz-Zebbug kellu numru falz u fih kien hemm crieki, *magazines* u *cigarette buds.*

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 939 *et seq.*), ikkonferma li l-imputat Briffa ma kienx il-persuna li Formosa semmielu bhala l-persuna miz-Zurrieq li qallu biex jaghmlu s-serqa.

Ikkonferma li meta Formosa identifika tnejn min nies ma kellu xejn x'jaqsam fiha l-imputat Briffa. Ikkonferma li Briffa kien arrestat mis-26 ta' Ottubru 2000 u li baqa' arrestat sad-9.15pm tas-27 ta' Ottubru 2000. Ghas-suggeriment li Briffa kien arrestat fil-hin li kien qed jinharaq il-vann, wiegeb: *"Ma haraqx il-van"* (*a fol.* 946). Ikkonferma li Formosa bl-ebda mod ma ndika lill-imputat Briffa bhala li kellu xi involviment f'dan il-kaz. Ikkonferma wkoll li anqas Mario Cutajar bl-ebda mod ma jorbot lil Briffa mal-mod kif il-flus spiccaw ghandu. Wara li gie muri rapport immarkat bhala Dok. "JR" (*a fol.* 599 *et seq.*), jghid: *"f'dan il-kaz bhala Pulizija l-informazzjonijiet li kellna kienu kkoncentrati dejjem ma' dan il-grupp ta' nies, jekk kienu sitta (6) per ezempju mhux qed nghid kienu sitta (6) imma hamsa (5) minnhom kienu dejjem ikkoncentrati ma' dan il-grupp zghir ta' nies"* (*a fol.* 948). Ghad-domanda jekk jafx jekk il-balaklava kienitx ta' George Briffa, wiegeb fin-negattiv.

Dr. Giglio: *"Mela, ghad-domanda li saqsejtek dwar x'prova ghandek li din il-hood kellha x'taqsam mas-serqa, inti wegibtni….*

Qorti: *Id-DNA.*

Dr. Giglio: *…. li m'ghandekx pero' ghandek imbaghad id-DNA tal-hamsa (5) ta' Novembru.*

Xhud: *Li l-hood instabet mal-flus.*

Dr. Giglio: *Inti ghamilt kumment u ghidt pero' li huwa interessanti l-kumment tieghek, inti ghidt ghalina l-Pulizija dik il-hood ma messha qatt instabet.*

Xhud: *Ahna hekk nemmnu, mhux ma messha qatt inqabdet le…."*

[…]

Qorti: *"Ara ejja nikkonkludu, naqblu pero' li inti l-konkluzjoni tieghek li s-Sur Briffa kien involut fil-hold-up b'xi mod jew iehor hija l-fatt li nstabet din il-hood mal-flus u fuq il-hood sibna partial DNA tas-sur Briffa, qbilna fuq din?*

Xhud: *One hundred per cent (100%) hemmhekk, pero' rrid ukoll imma ghax ir-reat trid tarah globalment u li l-hoods mas-suspettati, issa m'iniex nitkellem fuq is-Sur George Briffa jew xi hadd iehor, kienu element mill-att preparatorju sa meta kienu qed….imma mhux dejjem hekk ikun sa l-ahhar, jigifieri qeghdin nitkellmu fuq element illi kien centru f'dan ir-reat u nstabet il-flus.*

Qorti: *Naf, tant kien centru li Dr. Giglio fakkarni li fuq il-gibjun kienu wkoll lebsin il-hoods.*

Xhud: *Hekk hu, kieku kont nghidlek jien Sur Magistrat, jigifieri dik hija l-importanza ghax nahseb id-difiza hija mil-lat taghna ghax hu jkollu verzjoni ohra" (a fol.* 952-954).

Jikkonferma li m'ghandux *link* diretta bejn l-imputat Briffa, il-*hold-up* u l-balaklava.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001, xehed **PS 489 George Attard** (*a fol.* 164 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport mhejji minnu fir-rigward tal-*hold-up* mertu tal-proceduri odjerni, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "GA" (*a fol.* 166 *et seq.*). Spjega li huwa kien minn tal-ewwel li wasal fuq il-post u nnota l-vann tal-*Group 4* kwazi f'nofs ta' triq b'vettura ohra quddiemu startjatha bil-bieba tax-xufier miftuha.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001, xehdu wkoll **PC 239 Joseph Caruana** u **PC 1253 Frederick Brincat** (*a fol.* 172 *et seq.*) fejn spjegaw li huma kienu *Scene of Crime Officers* u ezebew Vera Kopja tar-rapport taghhom[8] li gie mmarkat bhala Dok. "MH" (*a fol.* 175 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehed **Carmel Dimech** (*a fol.* 206 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Operations Manager* mal-*Group 4* u xoghlu huwa dak li jiehu hsieb ix-xoghol tal-vetturi li jgorru l-*cash in transit* li jkollhom fl-iskeda ta' kuljum. Jghid li dakinhar tal-*hold-up* il-vann kien hareg mic-Centru Ruzar Briffa sejjer fid-direzzjoni tal-bazi

[8] L-ezebiti jinsabu f'kumpilazzjoni ohra (*a fol.* 173).

taghhom tal-*Group 4* u kien qed jigi misjuq minn Emanuel Formosa u l-kustodju kien Saviour [Salvu] Galea. Xehed fuq dak li ghamel dakinhar tal-*hold-up* u x'sab meta acceda fuq il-post fejn sehh il-*hold-up*. Inqara lilu dak li huwa xehed quddiem Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali u kkonfermah.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehdet ukoll **Josephine Ciscaldi** (*a fol.* 223 *et seq.*) fejn filwaqt li kkonfermat li ghandhom kumpanija tal-vetturi tal-kiri (*Butterfly Garage*) fil-Hamrun, xehdet li fis-sena 2000 il-Pulizija kienu staqsew jekk l-imputat Grech kienx kera vettura minn ghandhom. Hija kkonfermat li l-imputat Grech kien kera vettura minn ghandhom. Inqara lilha dak li hija xehdet quddiem Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali u kkonfermatu. Qalet li l-imputat kien ha vettura Diahastu bin-numru ta' registrazzjoni CAK 497 ghall-kiri u li fis-17 ta' Ottubru 2000 talabha sabiex ibiddel il-vettura ma' vettura izghar u ma thalliex. Tghid: *"Jiena ghidlu li kienet dahlet caller FKB [FBK] 107 ta' kulur abjad u tajtu bil-kiri"* (*a fol.* 226). Tghid li din il-vettura giet ritornata lura fil-31 ta' Ottubru 2000.[9]

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehed ukoll **Joe Ciscaldi** (*a fol.* 229 *et seq.*) fejn spjega li huwa sid ta' garaxx li jikri l-vetturi li jgib l-isem ta' *Butterfly Garage* u li jinsab il-Hamrun. Jghid li l-kuntratti taghmilhom martu Josephine. Inqara lilu dak li huwa xehed quddiem Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali u kkonfermah. Ikkonferma li fit-3 ta' Ottubru 2000 Joseph Grech kien mar ghandu biex jikri vettura Daihatsu Move bin-numru ta' registrazzjoni CAK 497. Jghid li minflokha fis-17 ta' Ottubru 2000 kien ha vettura ohra Daihatsu Cuore bin-numru ta' registrazzjoni FBK 107 liema vettura giet ritornata fil-31 ta' Ottubru 2000.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehed ukoll **Albert Azzopardi** (*a fol.* 233 *et seq.*) fejn spjega li huwa *Supervisor* mal-bank HSBC u jahdem fic-Centru Ruzar Briffa. Ikkonferma li huwa pprepara l-flus

---

[9] Fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2002 jinghad hekk: *"F'dan l-istadju, wara li ddeponiet Josephine Ciscaldi rigward domanda li saret jekk kinitx tidentifika lil Joseph Grech, il-Qorti tirrileva li fl-istadju ta' l-istess identifikazzjoni, l-Awla, ghajr ghall-Ufficjali Prosekuturi u l-Avukati Difensuri u Joseph Grech, kienet vojta u dan minhabba li George Briffa, ghar-ragunijiet esposti fir-rikors ta' Dr. Joseph Giglio, illum jinsab assenti"* (*a fol.* 203-204).

qabel ma sar it-tragit bil-vann li minnu nsterqu l-flus. Inqara lilu dak li huwa xehed quddiem Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali u kkonfermah.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehdet ukoll **Marisa Scerri** (*a fol.* 238 *et seq.*) fejn spjegat li hija *Supervisor* mal-bank HSBC u tahdem fl-*Operations Centre* f'Hal-Qormi. Meta giet mistoqsija dwar x'tiftakar li gara fis-26 ta' Ottubru 2000 wiegbet li dakinhar kien sar *export* ta' flus barranin. Inqara lilha dak li hija xehdet quddiem Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali fejn spjegat x'isir meta jkun hemm l-*export* imsemmi. Qalet ukoll li s-26 ta' Ottubru 2000 kienet gurnata ta' xoghol normali.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehed ukoll **Manuel Gauci** (*a fol.* 245 *et seq.*) fejn qal li huwa direttur tal-kumpanija EMM Enterprises li tikri l-vetturi. Ikkonferma li vann bin-numru ta' registrazzjoni AAK 039 huwa tieghu u li kien mikri lil Michael Webb liema vann insteraqlu f'Awwissu mill-Qawra. Ezebixxa fotokopja tal-kuntratt li gie immarkat bhala Dok. "MG" (*a fol.* 250). Jghid li l-vann instab xahrejn wara. Ezebixxa dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "MG 1" sa "MG 4" (*a fol.* 251 *et seq.*). Spjega li huwa thallas mis-socjeta' tal-assigurazzjoni.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, xehed ukoll **Constantino Borg** (*a fol.* 259 *et seq.*) fejn qal li huwa sid il-kumpanija *Freeways* li tikri l-vetturi, liema kumpanija tinsab il-Qawra. Spjega li vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAK 502 tal-ghamla Hydunai Accent kienet mikrija lil turist li kien residenti fil-Qawra Palace. Qal li dan it-turist kien irraporta li l-vettura kienet insterqet. Jghid li din damet misruqa madwar sitt sieghat u mbaghad ra l-vettura fuq it-televizjoni u mbaghad raha d-Depot tal-Pulizija. Spjega xi hsarat kellha fuqha l-vettura. Inqara lilu dak li huwa xehed quddiem Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali u kkonfermah.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003, xehed il-**Brigadier Maurice Calleja** (*a fol.* 289 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu *stante* li r-relazzjoni tieghu giet ezebita f'kumpilazzjoni ohra. Il-

kopja tar-relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "MC" (*a fol.* 291 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003, xehed ukoll **Dr. Victor Buttigieg** (*a fol.* 293 *et seq.*) fejn ezebixxa Vera Kopja tar-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "VB" (*a fol.* 296 *et seq.*) liema relazzjoni tirrigwarda hmistax (15) il-*mobile phone* u erba' (4) *sim cards*.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003, xehed ukoll **PS 614 Saviour Garcia** (*a fol.* 331 *et seq.*) fejn spjega li fit-3 ta' Awwissu 2000 rceva rapport minn Joseph Mary Debono li kienet insterqet il-vettura Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni FAE 505, li kien vann zghir. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "G" (*a fol.* 333 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003, xehed ukoll **PS 964 Robert Scicluna** (*a fol.* 336 *et seq.*) fejn spjega li kien *Scene of Crime Officer* dakinhar li nstabu l-flus u pprezenta kopja tar-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "RS" (*a fol.* 338 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003, xehed ukoll **PS 282 Pierre Grech** (*a fol.* 349 *et seq.*) fejn spjega li fit-8 ta' Novembru 2000 kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jiehu l-impronti digitali ta' l-ghaxar swaba u l-palmi tal-idejn ta' numru ta' persuni. Ezebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "PG" (*a fol.* 351 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003, xehed ukoll **PS 673 Joseph Mallia** (*a fol.* 356 *et seq.*) fejn spjega li fl-10 ta' Novembru 2000 kien gie nominat bhala espert ta' l-impronti digitali mill-Magistrat Inkwirenti. Jghid: *"Dakinhar stess ukoll rtirajt ir-ritratti li kienu dokumenti ta' impronti digitali flimkien ma' diversi formoli ta' diversi nies u l-inkarigu li kelli kien biex nara jekk dawk il-prints li kienu fuq ritratti kienux jaqblu ma' dawk in-nies. Dan l-ezami jien kont ghamiltu u niftakar wkoll wahda mill-impronti kienet qablet ukoll ma' persuni li qeghdin f'din l-awla u kont ghamilt ir-rapport tieghi. Ergajt irritornajt l-impronti digitali originali kif ukoll il-formoli u esebejt rapport quddiem il-*

*Magistrat fl-atti tal-Inkjesta kif ukoll kont ikkonfermajtu wkoll quddiem il-Magistrat Micallef Trigona"* (*a fol.* 357).

**Is-Sur Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2007 (*a fol.* 711 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa m'ghadux fil-Korp tal-Pulizija. Qal: *"Qed nara rapport tieghi li kien dwar ezami komparattiv dwar diversi dokumenti u lifters li kienu gew ezebiti minn PC 659 dak iz-zmien Jeffrey Hughes. Qed nara wkoll fotokopja ta' faxxikolu fotografiku dwar comparisons li jiena kont ghamilt. Kopja tar-rapport qieghed a fol. 679"* (*a fol.* 712). Jghid li l-komparazzjoni ghamilha fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, xehed l-i**Spettur Carmelo Magri** (*a fol.* 366 *et seq.*) fejn spjega li fil-31 ta' Ottubru 2000 kien qed jaghmel xi tfittxijiet f'diversi garaxxijiet fl-inhawi taz-Zebbug fejn ghal xi l-4.00pm gie nfurmat li fejn ic-cimiterju tas-Siggiewi kien hemm grupp ta' nies li dehru suspettuzi u wara li giet mibghuta vettura tal-*mobile*, hekk kif din bdiet riesqa lejhom, dawn in-nies telqu u gew segwiti u ntercettati fil-Marsa fejn, fost dawn in-nies, kien hemm iz-zewg imputati. Jghid li dawn kienu suspettati mill-bidu li kienu nvoluti fil-*hold-up* mertu tal-proceduri odjerni. Jispjega li huwa mar il-Marsa u li saru tfittxijiet fil-vetturi taghhom pero gew rilaxxati peress li deher li ma kellhom xejn.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, xehed ukoll is-**Sur Joseph Zammit** (*a fol.* 373 *et seq.*) fejn ezamina l-vann li ntuza mill-*Group 4* u kif ukoll Hyundai Accent fuq il-post go Triq il-Kanun u kif ukoll vetturi ohra li nstabu. Ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JZ" (*a fol.* 375).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, xehed ukoll l-i**Spettur Ivan Portelli** (*a fol.* 376) fejn ikkonferma r-rapport tieghu li jinsab *a fol.* 70 tal-Vera Kopja tal-Process Verbal.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, xehdu wkoll **PS 1374 Edgar Dalli** u **PC 602 Jonathan Attard** (*a fol.* 378 *et seq.*) fejn ezebew kopja tar-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. "A" (*a fol.* 381 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, xehed ukoll **PS 1336 Jesmond Micallef** (*a fol.* 389 *et seq.*) fejn qal li kien diga ezebixxa r-relazzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Micallef Trigona. Ezebixxa kopja tar-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "B" (*a fol.* 392 *et seq.*[10]).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2003, xehed ukoll **PC 1184 Patrick Grech** (*a fol.* 403 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tar-ritratti li ttiehdu minnu li gew immarkati bhala Dok. "C" (*envelope loose*). Jghid li r-ritratti originali gewipprezentati fil-kawza quddiem il-Magistrat Micallef Trigona.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2004, xehed **Joseph Spiteri** (*a fol.* 437 *et seq.*) fejn spjega li fis-sena 2000 kien jahdem fil-*cash centre* tal-bank HSBC fic-Centru Ruzar Briffa, Hal-Qormi. Spjega fiex jikkonsisti x-xoghol tieghu. Jghid li dakinhar tal-*hold-up* in kwistjoni kienu marru tal-*Group 4* jigbru x-xoghol li kien gie ppreparat biex jingabar minnhom. Jghid li l-ammont ta' flus in kwistjoni jkun sigillat go borza.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2004, xehed ukoll **Saviour Galea** (*a fol.* 451 *et seq.*) fejn qal li fis-sena 2000 kien jahdem mal-*Group 4 Securitas* u li dakinhar tal-akkadut hu flimkien max-xufier li kellu mieghu, cioé Emanuel Formosa, ghabbew ix-xoghol li kellhom mill-HSBC mic-Centru Ruzar Briffa ghal bazi taghhom (tal-*Group 4*) fi Gwardamanga. Jispjega li waqt li kienu ghaddejjin minn Triq il-Kanun, f'daqqa wahda ra vettura Hyundai *silver* gejja minn naha l-ohra tat-triq, din kisret ghal fuq in-naha taghhom, lil Formosa qallu li kienu ser jahbtu, u Formosa waqaf. Jghid li l-vettura l-ohra waqfet ukoll u minnha hargu zewgt irgiel mghammda f'liema hin, kemm hu kif ukoll ix-xufier, marru ghall-*mouth piece* li kellhom tar-*radio* biex jibdew jghajjtu, peress li kellhom ordni li jghajjtu *"attack, attack, attack"* pero x'hin it-tnejn qabdu l-*wire* u l-*mouth piece*, il-*wire* tqaccat u ma setghu jghajjtu xejn. Jghid li z-zewg persuni mghammda marru b'girja fuqhom. Jghid li wiehed kellu *senter* f'idejh u ppunta s-*senter* lejh (lejn Galea) u l-iehor wahhal dik li skond hu kienet bomba mal-*windscreen* fuq in-naha tax-xufier.

[10] Ir-ritratti *per se* jinsabu go *envelope loose.*

Aktar tard fid-depozizzjoni tieghu jghid li din kienet bomba peress li kienet tidher hekk ghax kellha qishom stikek tad-dinamite u bin-nicec hergin minnha. Jghid li dak li pponta s-*senter* lejh qallu biex ma jiccaqlaqx u lix-xufier qallu biex jaghtih kull ma kellhom wara. Jghid li mentri hu (Galea) baqa' bil-qeghda, ix-xufier qam u tahom kollox mill-*hatch*. Jghid li mentri wiehed mill-persuni mghammda baqa' mieghu (ma' Galea), l-iehor mar max-xufier. Jghid li hu ma seta' jara xejn x'kien qed jigri fuq wara. Jghid: *"hin minnhom giet karozza sewda niftakar li hi, kienet gejja karozza sewda u minn fuqi dan li kien bis-senter dar ghal fuq il-karozza u din regghet telqet lil hemm u dan rega' dar fuqi. Hin minnhom marru t-tnejn ghal wara u ma rajniehomx aktar. Il-karozza li kienu biha hallewha hemm quddiemna"* (*a fol.* 455). Ikkonferma li hin minnhom l-persuna li kienet qed izzommu *under gunpoint* marret hi wkoll fuq in-naha ta' wara. Jghid: *"x'hin rajthom jien li marru t-tnejn fuq wara u ma ghandi lil hadd quddiemi jien ergajt qbadt ir-radio, wahhaltu u bdejt nghajjat"* (*a fol.* 456). Jghid li z-zewg persuni mghammda kienu armati u meta gie mistoqsi jghid jekk gharafx lil xi hadd minnhom, wiegeb fin-negattiv. Jghid li, skond hu, kienu twal u anqas kienu hoxnin. Jghid li jahseb li kienu itwal minnu. Jghid li hu twil madwar 5 5. Aktar tard jghid li dak li kien magenbu kien twil u fir-rigward ta' l-iehor li mar wara jghid li ma jafx. Jghid li kellhom madwar 44 borza u kif ukoll muniti. Jghid pero li bhala ammonti ma jkunux jafu kemm ikollhom. Jixhed li x-xufier qallu li kien ta kollox lil dawn il-persuni u li suppost l-ewwel taghti d-*dummy bags* u kif ukoll il-muniti pero rrizulta li dawn baqghu fil-vann. Jghid li x-xufier qallu li ma tahomx id-*dummy bags* peress li kienu mdendlin u jghid ukoll li s-soltu dawn ikunu mdendlin. Jghid li x-xufier li kellu mieghu dakinhar kien *reliever*.

In <u>kontro-ezami</u> gie moqri lilu mill-Qorti dak li huwa xehed dakinhar tal-*hold-up* fl-Inkjesta Magisterjali u kkonfermah. Jghid: *"Dak li kien qed jipponta l-arma lejja kellu balaklava sewda qisha tas-suf bil-halq u bl-ghajnejn miftuha"* (*a fol.* 472). Jikkonferma li nesa jdoqq il-buttuna tal-*alarm* li kien hemm. Ghad-domanda: *"Inti kif qed tara tajt deskrizzjoni ta' l-ilbies ta' dak li gie fuq in-naha tieghek li kellu s-senter. Ma semmejt xejn dwar il-persuna l-ohra li inti sostnejt li ghamlet l-isticks li spjegathom qishom dynamite. Fil-fehma tieghek illum tikkonferma, inti tinqralek din biex tara tkunx ghidt xi haga simili dak inhar. Illum int ghidtilna li ghalik dawn it-tnejn min-nies kienu t-tnejn*

*twal. Dan inti tikkonfermah illum?"* (*a fol.* 473-474), wiegeb: *"Ha nghidlek hekk mhux nikkonfermah, ghax kif ghidtlek ftit rajtu ghax mar fuq wara. Il-bqija ma stajtx narah iktar. Il-hsieb li ghaddieli dak il-hin jigifieri. Ta' quddiem iva stajt nikkonfermah pero l-iehor just rajtu hekk"* (*a fol.* 474). Wiegeb fl-affermattiv ghad-domanda: *"Fil-hsieb tieghek fil-perspettiva tieghek, inti qed tifhem li t-tnejn li huma huma twal pero dwar dak li hu tas-senter, dak iktar zgur minnu li hu twil. Naqblu?"* (*a fol.* 474).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2004, xehed **Emanuel Formosa** (*a fol.* 478 *et seq.*) fejn ghazel li ma jixhidx *stante* li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

**Emanuel Formosa** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduti tas-6 ta' Settembru 2005 (*a fol.* 550 *et seq.*), tal-31 ta' Ottubru 2008 (*a fol.* 765), u tal-25 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 800 *et seq.*) fejn ghazel li ma jixhidx *stante* li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2004, xehed ukoll **John Mary Debono** (*a fol.* 487 *et seq.*) fejn spjega li madwar tlitt snin qabel kien irraporta misruq vann Escort Mark II bin-numru ta' registrazzjoni FAE 505 minn Bugibba. Jghid li dan il-vann instab mahruq mill-Pulizija fil-Handaq u li hu rah mahruq fejn l-SAG. Jghid li kien xtrah Lm3700.00 u li kien ilu ghandu sena u nofs. Jghid li kien xtrah *second-hand* mill-Ingilterra u li ma ghamilx *claim* fuqu mas-socjeta' tal-assigurazzjoni peress li ma kienx inxurjat ghal hruq u serq.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2004, xehed **Profs. Alfred Vella** (*a fol.* 500 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti u ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "AV" (*a fol.* 503 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2004, xehed ukoll **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 507 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Novembru 2000 kien inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jezamina numru ta' persuni, Mario Cutajar, George Briffa, Alfred Degiorgio, Carmelo Spiteri, George Debono, Joseph Grech u George Degiorgio. Jghid li hadilhom il-

kampjuni, issiggilahom quddiemhom u tahom lill-espert serologista biex jigu analizzati possibilment ghad-DNA. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MS" (*a fol.* 509).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 972 *et seq.*), wara li saritlu riferenza ghal Dok. "MS" (*a fol.* 509) mistoqsi jghid jekk l-i*swabs* li ha hu hadhomx go laboratorju l-Ingilterra jghid li fis-sena 2000 il-Pulizija kienu jibghatu ghalik: *"isma hemm bzonn niehdu dawn is-swabs, huma ma jghidulekx xi jridu. Illum is-sistema tbiddlet isma ahna l-esperti, x'ghandkom, fejn tridu taslu u l-pariri naghtuhomkom ahna, dak iz-zmien ejja hu s-swabs u morna u hadna swabs"* (*a fol.* 973). Jghid: *"dak iz-zmien mhux swabs konna niehdu fit-two thousand (2000), dak iz-zmien jew demm jew xaghar, troffa tax-xaghar bil-basla, illum buccal swab bizzejjed, nahseb id-DNA evolviet illum, […] dak iz-zmien le kampjun tad-demm five (5) cc jew inkella tiehu xi ghoxrin (20) xaghara bil-basla"* (*a fol.* 973). Jghid li dak iz-zmien kien imur bihom normalment Christopher Farrugia jew Robert Cardona u li f'dan il-kaz, jekk mhux sejjer zball, kien mar Christopher Farrugia. Jghid li dak li ha tahom lil Christopher Farrugia, kollox issiggilat, sabiex ikunu jistghu jinhadmu. Jghid li jekk mhux sejjer zball dak iz-zmien Christopher Farrugia kien jahdem fil-labortarju *Cellmark*. Jghid li hu personalment kien iktar komdu jahdem l-LGC u fir-rigward tas-*Cellmark* kien hemm xi rapport anke fuq l-*internet* u gie li anke kien imur konferenzi barra u jisma certa kummenti fuq ic-*Cellmark*. Jispjega xi nuqqasijiet li qara fuqhom *da parte* ta' *Cellmark* (*a fol.* 975). Jghid: *"dana bazikament konna niehdu l-kunsens minn ghandhom biex niehdu kampjun tad-demm, id-demm huwa kkonsidrat li huwa intimate sample, dak iz-zmien il-Ligi ma kienitx bhal-lum il-kunsens is-suspettat irid jaghtih bil-miktub lill-Magistrat innifsu, dak iz-zmien konna nispjegawlu l-implikazzjonijiet li jista' r-rizultat jinkriminah, jifhmek u jaghtik il-kunsens"* (*a fol.* 975). Ghad-domanda jekk f'dan il-kaz Briffa tahx kunsens, wiegeb li ma kellu ebda diffikulta' biex Briffa jaghtih il-kunsens ghajr li jsemmi li, jekk jiftakar sew, Briffa kien beza' mil-labra u b'hekk hadlu xi xaghar. Jghid li hadlu xi ghoxrin xaghra bil-basla. Jghid li kien hemm passi ta' ggant fix-xjenza u jghid li aktar ma ghadda z-zmien il-*gap* bejn il-*false positives* u l-*false negatives* gie ristrett. Ghad-domanda: *"Jekk jiena, per ezempju, mort f'hanut ippruvajt qmis biex nara tiginiex f'dak il-mument partikolari, jiena nista' anke nhalli t-tracci*

*ta' DNA per ezempju?"* (*a fol.* 977), wiegeb: *"[J]ekk inti lbist qmis u m'ghandekx lezjonijiet normalment ma thallix, mill-gharaq tista' thalli ftit DNA jekk inti vera soaking wet tista' thalli DNA. Imma jekk per ezempju il-qmis forsi tkellimt forsi daqxejn…tieghek minn hemmhekk iva altrimenti difficli hafna jekk ma tkunx soaking wet inti"* (*a fol.* 977). Jghid: *"body secretions u body secretions kollha ghandhom l-istess blue print, l-istess DNA li ghandu l-persuna u tkun kapaci tohrog profile"* (*a fol.* 978). Jghid li minn dak iz-zmien sar ghandna laboratorju taghna tad-DNA.

In ri-ezami, li sar fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 979 *et seq.*), jghid li personalment bhala preokkupazjoni ma kellux fil-konfront ta' *Cellmark* u dana peress li dak iz-zmien ma kienx jehodhom hu pero xi hadd iehor. Jghid: *"Meta mbaghad gejt iffacjat li jiena kont responsabbli mill-kampjuni hassejtni iktar komdu nehodhom ghand Dr. Walker li huwa awtorita' l-LGC"* (*a fol.* 979). Jghid li hu personalment qatt ma mar ic-*Cellmark* u qatt ma kellu kuntatti maghhom. Jghid: *"partial profile jkun qed jirreferi ghall-oggett li tkun elevajt li ma tantx ikollu source of DNA tajjeb imbaghad ma tistax tqabblu ma' dan, imma l-ftit li qabbilt hawn daqxejn elementi mill-profile ta' dan l-individwu li jaqbel ma' dak il-kampjun allura hemm partial profile match* (*a fol.* 980).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 981), meta mistoqsi dwar persuna li pprova balaklava u dahhalha go rasu u ghaddieha minn fuq halqu, jghid: *"Biddiltli l-istorja [meta paragunata ma' tal-qmis] fis-sens illi issa inti ghidtli balaklava, balaklava ghandek potenzjal ta' stronger source of DNA li huwa l-halq. Nista' nilbes balaklava u nghid zewg kelmiet, naghtihielek u sibt il-dik tieghi"* (*a fol.* 982). Dan peress li qed tmiss mal-halq. Jghid: *"se jkolli rizultat pozittiv minn balaklava milli mill-qmis"* (*a fol.* 982).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2005, xehed **Christopher Farrugia** (*a fol.* 544 *et seq.* u *a fol.* 546 *et seq.*) fejn spjega li dan il-kaz huwa mcajpar hafna u li kemm il-darba ha l-affarijiet lil Matthew Greenhalgh. Mistoqsi ghala ma ghamilx ir-rapport tieghu, filwaqt li l-ewwel qal li jista' jaghti l-kaz li kien *misplaced*, aktar tard qal li ma kienx f'pozizzjoni li jaghti raguni.

In <u>kontro-ezami</u>, ghad-domanda: *"Kif tispjega l-fatt li s-Sur Greenhalgh ghamel ir-rapport tieghu, meta r-rapport tieghek ghadu ma sarx?"* (*a fol.* 548), wiegeb: *"Ma nafx"* (*a fol.* 548).

**Christopher Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007 (*a fol.* 670 *et seq.*) fejn ipprezenta rapport dwar il-kontinwita' ta' evidenza dwar ezebiti li kienu gew mghoddija lilu u li gew mghoddija lil Matthew Greenhalgh fil-laboratorju ta' *Cellmark* fl-Ingilterra. Dan gie mmarkat bhala Dok. "CF" (*a fol.* 676).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li dan ir-rapport ghamlu f'Awwissu 2007 fuq notamenti li kellu. Jghid li kien ghamel iehor qabel. Mistoqsi jghid jekk giex moghti l-inkarigu biex jaghmel dan ir-rapport, wiegeb li l-Qorti qaltlu hekk. Jghid: *"Kont gejt nixhed hawn hekk iktar minn sena ilu fuq il-bicca tax-xoghol u imbaghad qisu ma smajt xejn iktar fuqha u kont ghamilt rapport anke dak inhar"* (*a fol.* 671). Ikkonferma li huwa ghadda l-ezebiti lil Greenhalgh fil-15 ta' Novembru 2000. Mistoqsi jghid jafx x'sar minnhom minn dak inhar l-hawn, wiegeb li l-ezebiti ma jinstabux ghandu. Jghid: *"kont preparajtu imma ma nafx jista' jkun li jiena I misplaced it"* (*a fol.* 673). Ghad-domandi: *"jigifieri din fil-fatt ma hi xejn in itself?. Din m'hi xejn hlief karta u fuq din il-karta inti nizzilt repetition ta' x'suppost ghamilt?"* (*a fol.* 674), wiegeb fl-affermattiv. Ghad-domanda: *"Imma billi ktibt dan inti, x'biddel minn dak li suppost inti diga rrelatajt lill-Qorti?"* (*a fol.* 675), wiegeb: *"ma hu ser ibiddel assolutament xejn ghax il-fatti huma fatti hux veru. Nahseb jiena jistghu jigu verifikati anke min-nies li ghaddewhom lili l-ezebiti u li lilhom ghaddejthom jiena"* (*a fol.* 675).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2005, xehed ukoll **Raymond Attard** (*a fol.* 552 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien *Managing Director* tal-*Group 4*. Jghid li dakinhar kien infurmat minn Charles Dimech, il-persuna nkarigata tal-*cash in transit*, li kienu nsterqu flus minn wiehed mill-vannijiet taghhom, f'liema vann kien hemm Emanuel Formosa u Saviour Galea. Mistoqsi jghid kemm kien hemm flus fil-vann, wiegeb: *"Jekk miniex sejjer zball xi 880,000 plus liri, ma nafx kemm ezattament. Ma kienux Maltin, kien hemm parti minnhom Maltin u hafna minnhom foreign currency"* (*a fol.* 554).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2006, xehed **Il-Kummissarju John Rizzo** (*a fol.* 579 *et seq.*) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-involviment tieghu rigward il-*hold-up* mertu tal-proceduri odjerni. Jghid li dakinhar huwa kien Assistent Kummissarju. Jghid: *"Jirrizulta li fil-vann kien hemm somma sostanzjali li jekk miniex sejjer zball tlahhaq il-fuq minn Lm884,000 xi haga hekk, miniex cert pero xi haga inqas minn Lm900,000. U li kien hemm ukoll numru ta' cekkijiet maghhom"* (*a fol.* 581). Jghid: *"fil-mod li huma bdew jispjegaw dawn l-affarijiet kien hemm xi affarijiet li forsi ma kienux mal-procedura u dan nikkonfermah ghax peress li ahna konna tkellimna hawn hekk f'dan l-istadju mal-kumpanija tal-Group 4, jigifieri kien hemm procedura fejn suppost izommu l-flus li kienu jkunu fidda, kien hemm procedura fejn suppost izommu l-flus li jkunu karti. [...] Proceduri fejn suppost jinghataw id-dummies u d-dummies baqghu ma nghatawx imma nghataw biss il-flus. U hafna dettalji ohra li meta wiehed jismaghhom u tkun qed tinvestiga l-kaz, tinduna li saru certu zbalji"* (*a fol.* 582). Spjega xi struzzjonijiet ta lil diversi ufficjali tal-Pulizija. Jghid li go vettura tinharaq f'Wied is-Sewda (*a fol.* 584) kien hemm affarijiet li tawhom x'jifhem li l-vettura kienet relatata, *"fosthom kien hemm xi holoq li ntuzaw mal-boroz tal-flus, ezatt mal-boroz li konna, ghax kellna sample minnhom li gibna minghand l-HSBC..."* (*a fol.* 585). Jghid: *"fil-Hyundai li konna sibna fix-xena tad-delitt li bdiet timblokka il-vann konna sibna hemm hekk xi tracci ta' sigaretti, xi filters. Ahna b'dan ukoll konna nfurmajna lill-Magistrat b'din is-sejba u konna tlabnieh ukoll biex isiru xi ezamijiet ta' certu persuni li kienu suspettati f'dan id-delitt sabiex nkunu nistghu naghmlu l-ezamijiet ta' DNA. Fil-fatt dak iz-zmien il-Magistrat kien laqalna t-talba u kien beda l-process biex isiru dawn l-ezamijiet"* (*a fol.* 586). Spjega li huwa acceda fil-fond 24, Triq San Gorg, B'Buga fejn kien hemm sodda fejn jirrizervaw il-hwejjeg, *"u kif ftahna li kien ukoll maghluq b'xi viti jew imsiemer sibna dawn il-flus hemm hekk li kienu f'boroz tal-plastik. Kien hemm ukoll xi hoods, kien hemm xi telecell u kien hemm xi affarijiet ohra"* (*a fol.* 588). Jghid li ghamlu lejl jghoddu u ghandu impressjoni li kien hemm xi Lm800,000. Jghid li dawn gew mibghuta *for safe-keeping* il-Bank Centrali fejn iktar tard wara xi talbiet li kienu saru mill-*Group 4* biex jigu ritornati lilhom, it-talba giet milqugha u haduhom lura. Spjega x'qal Formosa meta rrilaxxa stqarrija li skond hu kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat li qal li jekk jerga' jara lil dawk li kien tkellem maghhom dwar is-serqa kien b'xi mod jaghrafhom. Jghid: *"[...W]ara li ahna*

*konna procedejna fil-konfront ta' Formosa u ta' Degiorgio u Mario Cutajar rrizulta li wiehed, xi xaghar li kien instab fuq wahda mill-hoods qablet ma' DNA ta' l-akkuzat Joe Grech. Ghandi impressjoni li kien hemm ukoll xi rizultat ukoll pozittiv li jirrizulta wkoll ta' Briffa"* (*a fol.* 594).

In kontro-ezami, il-Qorti, wara batibekk, ordnat li jigi ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JR" (*a fol.* 599 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2007, id-Deputat Registratur Benjamina Mifsud ezebiet kopja legali ta' parti minn atti ta' inkjesta rigward nomina u relazzjoni ta' PS 673 liema inkjesta tinsab ezebita fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Degiorgio et** quddiem il-Magistrat Micallef Trigona (Dok. "BM" – *a fol.* 678 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013, xehed is-**Supretendent Carmelo Bartolo** (*a fol.* 918 *et seq.*) fejn qal li l-involviment tieghu kien wiehed periferali. Jghid li kien involut b'mod partikolari meta saret tfittxija intensiva f'diversi garaxxijiet f'Haz-Zebbug u kif ukoll meta nstabu l-flus fir-residenza. Jghid li fil-kawza l-ohra l-imputati huma Cutajar, Emanuel Formosa u Alfred Degiorgio. Ikkonferma li l-kaz ghadu pendenti.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2014, xehed in difeza l-**Assistent Kummissarju Stephen Gatt** (*a fol.* 985 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa rrilaxxa rcevuta mahruga fid-19 ta' April 1999 immarkata bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 992) fuq liema rcevuta hemm il-firma "G. Briffa". Spjega x'jinghad f'din l-ircevuta li tirrigwarda barnuza tas-suf. Jghid li lill-imputat Briffa ma kienx ressqu l-Qorti fuq serqa li saret fit-18 ta' April 1999 mill-Msida. Jghid li mid-dar ta' George Briffa kienet giet elevata balaklava. Gie muri ittra datata 28 ta' Jannar 2013, liema ittra giet immarkata bhala Dok. "JG 2" (*a fol.* 993) fejn gie mitlub jirritorna lura din il-barnuza /balaklava. Jghid li din ma nstabitx. Gie muri ittra ohra datata 23 ta' April 2014 (Dok. "JG 3" – *a fol.* 994) fejn saritlu riferenza ghall-ittra tat-28 ta' Jannar 2013 peress li l-barnuza/balaklava baqghet ma gietx ritornata lil Briffa.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk il-barnuza li eleva hu kienx qatt talabielu xi Ufficjal tal-Pulizija biex jghaddielu, wiegeb fin-negattiv. Jghid li qatt ma sabha nieqsa fl-ufficcju fejn kien stazzjonat jew li ma sabhiex fejn forsi kien hallieha. Jghid li skond l-ircevuta din kienet ta' kulur iswed pero jghid li ma jiftakarx x'tip kienet. Ma jiftakarx jekk ghaddihiex lil xi membru tas-CID li kien qieghed jinvestiga mieghu dan il-kaz. Jghid: *"pero' jista' jkun"* (*a fol.* 989). Jghid li dak iz-zmien l-investigatur mieghu kien Martin Bayliss.

In ri-ezami kkonferma li kienet bl-ittra ta' Jannar 2013 li ngibditlu l-attenzjoni u hu beda l-indagini.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2014, xehed is-**Supretendent Martin Bayliss** (*a fol.* 998 *et seq.*) fejn spjega li mis-sena 1996-1997 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida u dam hemm madwar tliet snin u nofs. Jghid li Stephen Gatt kien biddlu u hu (Bayliss) mar floku.

In kontro-ezami jghid li, jekk mhux sejjer zball, fis-sena 1999 kien stazzjonat is-CID. Ghad-domanda jekk fis-sena 1999 kienx investiga xi allegat serq mill-Msida ma' Stephen Gatt wiegeb fin-negattiv u qal li dak il-kaz kien investigah Gatt. Jghid li hu kull ma ccekkja kienu affarijiet tal-forensika. Jghid li hu (Bayliss) ma eleva l-ebda barnuza. Mistoqsi jghid jekk f'xi hin Gatt qallux li kien eleva xi barnuza u forsi x'kien bi hsiebu jaghmel biha, jghid: *"Le qatt ma qalli xejn"* (*a fol.* 999).

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tikkoncerna *hold-up* li sar fis-26 ta' Ottubru 2000 fi Triq il-Kanun, Santa Venera fuq vann tal-*Group 4* liema vann kien hareg mic-Centru Ruzar Briffa tal-bank HSBC u li kellu jmur lejn il-bazi tal-*Group 4* fi Gwardamanga. Il-vann kien mghobbi b'ammont konsiderevoli ta' flus (inkluz cekkijiet) u gie mblukkat minn vettura Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni EAK 502 li minnha hargu zewg persuni mghammda. Il-vann kien misjuq minn Emanuel Formosa u mieghu kien hemm Saviour [Salvu] Galea. Jirrizulta li fil-5 ta' Novembru 2000 taht saqqu fil-kaxxa tas-sodda

f'residenza f'Birzebbuga nstabu mohbija ammont konsiderevoli ta' flus u kif ukoll zewg balaklavi. Il-Pulizija tikkonsidra li dawn il-flus kienu dawk misruqa fil-*hold-up* in kwistjoni. Il-Qorti ma ghandux ikollu dubju dwar dan u dana minkejja li d-difiza ghan-nom ta' Grech titlob li l-Qorti ghandha tuza certa kawtela u tara jekk hemmx provi sal-grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li dak li nstab fir-residenza msemmija huwiex dak li nsteraq fil-*hold-up* mertu tal-proceduri odjerni. Il-Qorti tinnota li huwa inkoncepibbli li wiehed ma jasalx ghal tali konkluzjoni u dana wiehed jista' jasal ghalih mill-assiem ta' dak li gie misruq fil-*hold-up* in kwistjoni u ta' dak li nstab ftit granet wara u fejn kienu mohbija.

Illi jirrizulta li l-Pulizija hadet proceduri kriminali kontra Mario Cutajar (fejn instabu l-flus), Emanuel Formosa (ix-xufier tal-vann), u Alfred Degiorgio (li nstab *finger-print* tieghu). Eventwalment, fl-24 ta' Awwissu 2001 il-Pulizija hadet proceduri kriminali wkoll kontra z-zewg imputati fil-kawza odjerna. Apparti dan il-*hold-up*, il-kawza tikkoncerna wkoll, fost l-ohrajn, imputazzjonijiet ohra relatati, fosthom arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, pussess ta' armi regolari, garr ta' armi tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, serq ta' vetturi, u hsara volontarja. L-imputati jinsabu akkuzati wkoll li huma recidivi.

Illi l-Qorti tinnota li in segwitu tal-*hold-up* fuq il-vann tal-*Group 4* hawn fuq imsemmi, infethet Inkjesta Magisterjali, liema Inkjesta nghalqet wara talba sabiex tinghalaq. L-iSpettur David Saliba (*a fol.* 54 *et seq.*) jghid li z-zewg imputati fil-kawza odjerna gew imressqa l-Qorti in segwitu tar-rapport redatt minn Matthew James Greenhalgh. Il-Prosekuzzjoni tishaq li apparti dan, jirrizultaw ukoll fatti ohra li ghandhom iwasslu ghall-htija taz-zewg imputati fil-kawza odjerna, bhal, per ezempju, il-fatt li xi hin qabel il-*hold-up* in kwistjoni intlemhet vicin ic-Centru Ruzar Briffa, b'mod li l-Prosekuzzjoni tishaq li huwa suspettuz, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBK 107 mikrija f'isem l-imputat Grech u dana apparti dak li nghad minn Emanuel Formosa. *Da parte* taghha, id-difiza tikkontesta dan u ssostni li mill-atti processwali ma jirrizultax

li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali Generali fir-rigward tal-Inkjesta Magisterjali**

Illi l-Qorti tinnota li fil-Vera Kopja tal-Process Verbal bin-Numru 1410/2000 il-Magistrat Inkwirenti kkonkluda s-segwenti:

> "Illi fl-14 ta' Novembru 2000, il-Magistra Inkwirenti kien mitlub jaghlaq dan il-process verbal permezz ta' Rikors ta' l-iSpettur David Saliba.
>
> Illi l-Esperti l-ohra nominati kienu ghadhom [ma] espletawx l-inkarigu lilhom moghti.
>
> Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, il-Magistrat Inkwirenti ghalaq dan il-process verbal u ghaqqad mieghu r-rapporti ta' l-iSpettur Ivan Portelli, ir-relazzjoni tal-Espert Legali Dr. Veronica Aquilina li qed tkun immarkata bhala Dok. "VA 1", ir-relazzjoni tal-Espert Ballistiku l-Brigadier Maurice Calleja li qed tkun immarkata bhala Dok. "MC 1", ir-relazzjonijiet tas-*Scene of Crime Officers* PC 1184 Patrick Grech li qed tkun immarkata bhala Dok. "PG 1", PC 659 Jeffrey Hughes li qed tkun immarkata bhala Dok. "JH 1", PC 1253 Frederick Brincat u PC 239 Joseph Caruana li qed tkun immarkata bhala Dok. "JC 1", PS 673 Joseph Mallia li qed tkun immarkata bhala Dok. "JM 1", PS 282 Pierre Grech li qed tkun immarkata bhala Dok. "PG 2", u PC 1374 Edgar Dalli u PC 602 Jonathan Attard li qed tkun immarkata bhala Dok. "ED 1", li ghandhom jitqiesu formanti parti integrali ta' dan il-process verbal u ordna li kollox jintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien li taghti l-Ligi".[11]

[11] *A fol.* 69 tal-Process Verbal.

Illi l-Qorti tinnota li fir-relazzjoni taghha mmarkata bhala Dok. "VA" (*a fol.* 105), Dr. Veronica Aquilina tasal ghal konkluzjoni li ghandhom jittiehdu proceduri kriminali kontra numru ta' persuni. Dan tasal ghalih in segwitu ta' dak li hija kkonstat, inkluz it-tehid ta' depozizzjonijiet ta' numru ta' persuni, fosthom Emanuel Formosa li spjega x'involviment kellu fil-*hold-up* u li identifika lill-imputat Grech bhala wiehed mill-persuni nvoluti fil-*hold-up*. Bhala stat ta' fatt, il-Qorti tirrileva li Formosa fl-ebda hin ma xehed fil-proceduri odjerni fil-konfront taz-zewg imputati u dana *stante* li, ghal diversi drabi, huwa ghazel li ma jixhidx *stante* li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja** moghtija fit-3 ta' Lulju 1997 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[I]l-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkariku li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi *procès verbal* li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, il-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-Pulizija u wisq anqas, mill-Prosekuzzjoni; anzi jidher li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esklussiv tal-iStat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il-haqq u l-gustizzja. […]

> S'intendi, certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bil-fors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju r-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li *prima facie* ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat. Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, *okkorrendo* permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi nvestigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix *qua* Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Gudikatura. Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi – indipendentement mill-apprezzament taghhom – hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu. Jigi ripetut li l-istitut tal-Magistrat Inkwirenti evidentement inholoq biex kemm hu possibbli certi ndagnijiet li jistghu jwasslu jew ghal kxif ta' reati u/jew ta' persuni responsabbli ghalihom, jew li jistghu ikunu necessarji f'certi eventi serji, dawn isiru bl-ikbar serjeta' u l-fuq mis-suspetti jew l-influwenza diretta jew indiretta tal-poter esekuttiv tal-iStat".

Illi, tenut kont ta' dan, hija din il-Qorti **<u>BISS</u>** li ghandha tiddeciedi jekk l-imputati humiex hatja jew le tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarat hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice.*

*If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs.**

> **Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif *del resto* hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali. Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero'

hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the*

*facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja [...]

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati *a tempo vegine* tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti *viva voce* minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, *stante* li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq meta taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati. Bhala parentezi, il-Qorti tinnota li, peress li fil-kawza odjerna l-persuni akkuzati huma tnejn, f'kaz li dak li ser jinghad ikun japplika biss ghall-imputat wiehed biss dan ser jigi ndikat altrimenti dak li ser jinghad japplika ghat-tnejn li huma.

Illi, kif nghad aktar il-fuq, filwaqt li l-Prosekuzzjoni tishaq li hija rnexxielha tipprovi l-kaz taghha li l-imputati huma hatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom skond kif tirrikjedi l-ligi, id-difiza tissottometti li dan m'huwiex il-kaz.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**
**Konsiderazzjonijiet fir-rigward l-Inkjesta Magisterjali *Per Se***

Illi filwaqt li l-Prosekuzzjoni tishaq u ssostni li ma hemm xejn monk fir-rigward tal-Inkjesta Magisterjali li nfethet in segwitu tal-*hold-up* in kwistjoni u tal-Process Verbal relattiv, id-difiza, b'mod partikolari dik tal-imputat Grech tqajjem certu dubji dwar dan.

Illi Artikolu 546(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum il-gurnata jaqra hekk:

> "Meta r-reat li ghandu jigi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Magistrat jista' minflok li jaghmel access fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' Spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-ufficjal hekk mahtur u kull fotografu jew espert iehor li jkunu qed jghinuh ghandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u ghandhom jipproducu r-ritratti kollha li jkunu ttiehdu u l-oggetti jew id-dokumenti l-ohra kollha li jkunu rilevanti ghall-investigazzjoni taghhom".

Illi l-Qorti tinnota li fiz-zmien meta sehhew ir-reati *de quo*, dan is-sub-Artikolu kien jaghmel riferenza wkoll ghall-kazijiet ta' omicidju involontarju jew offizi fuq il-persuna f'incident tat-traffiku, li mhuwiex il-kaz odjern.

Illi fiz-zmien tal-*hold-up* mertu tal-proceduri odjern, Artikolu 548 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jghid hekk:

> "Fl-access ghandhom jingiebu l-periti li jinhtiegu, u ta' dan l-access ghandu jsir process verbal: Izda l-Magistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jaghti s-setgha lill-periti li jircievu dokumenti u jisimghu x-xhieda bil-gurament u li jiehdu x-xiehda taghhom bil-miktub u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 650(5) u tal-Artikolu 653(3) ghandhom japplikaw *mutatis mutandis*:
>
> Izda wkoll, l-"*in genere*" ghandu jigi ezaminat biss minn persuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imgieba xierqa:
>
> Izda wkoll, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 552(2), ebda espert ma ghandu jinhatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti".

Illi llum il-gurnata, apparti li dak li gie kwotat hawn fuq jinsab f'sub-artikolu (1) tal-Artikolu 548 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

u apparti li gie mizjud sub-artikolu iehor permezz ta' Att Numru XXIV tas-sena 2014, permezz tal-Att imsemmi minflok il-kliem *"l-fatti rilevanti"* hawn fuq imsemmija, dahlu l-kliem *"l-fatti rilevanti, meta r-reat li ghandu jigi nvestigat hu wiehed li hu punibbli bi piena massima ta' prigunerija ghal seba' snin jew aktar"*.

Illi ma jirrizultax li l-Magistrat Inkwirenti mar fuq il-post fejn sehh il-*hold-up* f'Santa Venera u fejn instabu l-flejjes f'Birzebbuga. Jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti nnomina diversi persuni sabiex jassistuh, fosthom lil Dr. Veronica Aquilina, li hadet ix-xiehda ta' diversi nies, fosthom ta' Emanuel Formosa, fejn qal li gharaf lill-imputat Joseph Grech bhala wiehed mill-persuni li meta kienet qed tigi pjanata l-*hold-up* kellu wiccu mikxuf u dana peress li Formosa jghid li meta kienet qed tigi pjanata l-*hold-up* il-persuni kien ikollhom wicchom mghotti. Formosa jghid ukoll li gharaf persuna ohra li kellu wiccu mikxuf, liema persuna ohra hija akkuzata flimkien ma' zewg persuni ohra quddiem Qorti ohra diversament preseduta.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis***[12] deciza fil-21 ta' Jannar 2010 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda nuqqas ta' tharis ta' l-Artikoli 546, 548 u 646 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jibda' biex jghid li x-xhieda Francesco Camilleri, Lee Cortis u Stephanie Cortis, ghalkemm kienu xehdu darbtejn u cioé l-ewwel darba fl-inkjesta quddiem il-perit nominat mill-Qorti, Dr. S. Filletti u darba fl-Istruttorja fil-process kontra Costantino Felice u Clint Zammit, qatt ma xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti f'din il-kawza. *Inoltre* l-hatra ta' Dr. Filletti da parti tal-Magistrat Inkwirenti biex hu jiehu x-xiehda ta' dawn il-persuni bil-gurament ma kienetx taqa' taht ir-rwol ta' perit tekniku izda tal-Magistrat Inkwirenti li jkun qed imexxi l-Inkjesta skond l-Artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali.

[12] Appell Kriminali Numru 366/2009.

Dan is-subartikolu hu intiz biex jillimita l-poteri tal-Magistrat Inkwirenti milli jiddelega ufficjal tal-Pulizija biex izomm l-access biex jistabilixxi l-fatti rilevanti. L-appellant ghandu ragun li l-Magistrat Inkwirenti f'dan l-kaz – *trattandosi* ta' serq bi vjolenza kontra l-persuna – ma setax minnflok jaghmel access fuq il-post, jordna lill-Ufficjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta' Spettur biex jistabilixxi l-fatti rilevanti, kif ghamel meta nnomina lill-istess Spettur tal-Pulizija Carlo Ellul sabiex izomm access minnufih u jistabilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub.

Peress li dan ma setax isir, kien skorrett ukoll il-Magistrat Inkwirenti meta innomina: ***"biex jassisti lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access,*** *lil Dr. Stefano Filletti bhala espert tekniku sabiex jaghmel stima ta' l-oggetti jew hsarat in kwistjoni u sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda [recte: "xiehda"] taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti."* (emfasi ta' din il-Qorti)

U ghalkemm kieku l-Magistrat Inkwirenti zamm l-access hu stess, kif suppost ghamel, ma jidhirx li kien ikun skorrett legalment meta innomina perit tekniku biex wara li jisma' x-xhieda jaghmel stima tal-oggetti u tad-danni, mhux hekk sar u Dr. Filletti gie nominat biex jassisti lill-iSpettur. Di più, fir-relazzjoni tieghu, Dr. Filletti ma ghamilx tali stima izda illimita ruhu ghall-kostazzjonijiet ta' fatt li hu stabbilixxa. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun meta jilmenta minn din l-irregolarita' fil-gbir tax-xhieda fl-Inkjesta.

Issa huwa minnu li l-Artikolu 549(3) jiddisponi li x-xiehda tax-xhieda mismugha fl-access ghandha tigi imdahhla wkoll fil-process verbal u skond is-subartikolu (4) din ix-xiehda ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xiehda li jinsemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u ghandha l-istess effett, pero', in vista' ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 550, u cioé li tali xhieda jistghu jingiebu quddiem il-Qorti Istruttorja fuq talba tal-Pulizija, mill-

> Avukat Generali u mill-persuna mixlija biex jixhdu *viva voce*, u dan ma sarx, din il-Qorti tqis li in vista' tal-irregolarita' tan-nomina ta' Dr. Filletti biex jassisti lill-iSpettur kif fuq intqal, ladarba dawn ix-xhieda ma gewx prodotti biex jixhdu *viva voce* f'dan il-process, dawn m'ghandhomx ikunu ammissibbli".

Illi filwaqt li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni t'dan t'hawn fuq, tinnota wkoll li apparti l-fatt li meta Dr. Veronica Aquilina xehdet f'dawn il-proceduri hija qalet li kienet giet moghtija inkarigu mill-Magistrat Inkwirenti, fil-Vera Kopja *per se* tal-Process Verbal li gie ezebiet f'dawn il-proceduri hemm biss in-nomina generali (*a fol.* 72 *et seq.* tal-Process Verbal) tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali. Ghal raguni stramba li din il-Qorti ma tafx x'inhi, il-Vera Kopja tal-Process Verbal li giet ezebita f'dawn il-proceduri, minkejja li fir-rapport ta' meta nghalqet l-Inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti ndika li kien qed jinkludi numru ta' rapporti fil-Process Verbal, fosthom dik ta' Dr. Veronica Aquilina, dan ir-rapport u r-rapporti l-ohra li l-Magistrat Inkwirenti jaghmel riferenza ghalihom fir-rapport tieghu (u cioé ir-rapporti tal-esperti li kienu lehqu espletaw l-inkarigu moghti lilhom meta nghalqet l-Inkjesta Magisterjali) ma jirrizultawx bhala parti integrali mill-Vera Kopja tal-Process Verbal ezebit. Ma jirrizultawx anqas id-digrieti ta' meta pprezentaw bil-gurament ir-rapporti taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Il-Qorti tistaqsi: dan kien nuqqas ta' meta saret fotokopja sabiex issir Vera Kopja tal-Process Verbal? Il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni li twiegeb dan u lanqas huwa l-kompitu taghha li tipprova timmagina dwar dak li setgha gara jew li taghmel suppozizzjonijiet ohra. Il-Qorti trid u hija obbligata li tanalizza dak li ghandha quddiemha u li jirrizulta mill-atti processwali u xejn aktar!

Illi l-Qorti tinnota li fin-nomina generali (*a fol.* 72 *et seq.* tal-Process Verbal) jidher li Dr. Veronica Aquilina giet appuntata bhala "Espert Legali", minn liema nomina ma jirrizultax li Dr. Aquilina nghatat il-fakolta' li tisma' x-xhieda bil-gurament, u dana minkejja li meta nghalaq il-Process Verbal inghad is-segwenti: *"Fuq tali rapport, l-Magistrat sottofirmat ordna li ssir inkjesta fuq il-post fejn sehh il-hold-up. Ghalhekk innomina lil [...] Dr. Veronica Aquilina bhala Espert Legali biex*

*tirrelata dwar il-kaz fuq imsemmi u dan wara li tisma' x-xhieda bil-fakulta' li tamministra l-gurament"*[13].

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Grazio Sammut et** deciza fit-28 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Jinghad fil-bidu nett li dina mhijiex l-ewwel darba illi din il-Qorti qed tigi nfaccata b'sitwazzjoni bhal din fejn nuqqas ta' attenzjoni minn naha tal-Magistrat fid-digriet ta' nomina ta' espert iwassal ghal konsegwenzi serji illi jaffettwa l-process gudizzjarju kollu. Il-Magistrati jridu jifhmu kemm huwa mportanti li jkunu precizi fin-nomini taghhom u liema espert ghandu l-fakulta' illi jiehu x-xhieda bil-gurament u liema m'ghandux. Peress illi l-Ligi stess tezigi illi l-espert ghandu jkollu t-tali fakulta' specifikament imsemmija fin-nomina tal-hatra. Issa fil-kaz tas-*Scene of the Crime Officers* il-fakulta' li jisimghu x-xhieda bil-gurament hija ntrinsika fin-nomina taghhom u f'dawn il-kaz il-Magistrat m'ghandux ghalfejn kull darba jnizzel illi l-esperti mahtura qeghdin ikunu wkoll moghtija l-fakulta' jisimghu x-xhieda bil-gurament. F'kazijiet ohra pero' din l-awtorizzazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta mill-Atti. F'dan il-kaz sfortunatament, *lapsus calami* jew mhux, it-tekniku John Sacco ma giex moghti l-fakulta' illi jisma' x-xhieda bil-gurament. Jista' jaghti l-kaz pero' kif jigri ta' spiss, illi din il-fakulta' tkun giet moghtija lill-espert verbalment, dan il-Magistrat jista' jaghmlu ghad illi jrid pero' jirrizulta minn x'imkien, mqar per ezempju mill-istess depozizzjonijiet tax-xhieda illi jkunu qeghdin jiddikjaraw illi qeghdin jaghtu x-xhieda taghhom bil-gurament. *A fol.* 102 tal-process il-Magistrat jghid illi Sacco ndika li din ix-xhieda kienet qed tittiehed bil-gurament ta' kull xhud, u quddiem din il-Qorti wkoll rega' qal hekk. Pero', mgharraf bil-mod kif giet redatta n-nomina tieghu, l-espert irrimarka li hu qatt ma ra n-nomina u ma kienx jaf li

[13] *A fol.* 2 tal-Process Verbal. L-istess haga nghad *a fol.* 3 tal-Process Verbal meta nghad li gie estiz l-inkarigu ta' Dr. Veronica Aquilina.

fil-fatt ma giex moghti l-fakolta' li jaghti l-gurament. Mexa skond il-prassi u assuma li kellu tali fakolta'. Jidher li dan il-*lapsus calami* ma giex kommess biss mill-Magistrat Inkwirenti izda gie perpetwat tul l-iter tal-kawza mill-espert tekniku u mill-Magistrat fl-Istruttorja li kellu l-fakolta' jissana n-nomina imma minn dan ma sar xejn biex issa wasalna fl-istadju ta' *quod nullum est, nullum producit effectum*.

Lanqas il-Qorti ma hi daqshekk konvinta li l-espert dejjem mexa bil-mod li qal, skond il-prassi peress li rrizulta li almenu fuq zewg persuni ta' rilevanza vitali, hemm dubbju kemm verament inghataw il-gurament. Grazio Sammut (*fol.* 89) fuq domanda tad-difiza jekk inghatax il-gurament jirrispondi *"Le ma nghatajt l-ebda gurament"*. Ikkonferma wkoll illi meta xehed it-tieni darba quddiem l-istess John Sacco wkoll ma nghatax il-gurament. F'din il-kawza ghandna wkoll ix-xhieda tal-Kurunell Wallace Camilleri (*fol.* 97), fejn ukoll fuq domanda tad-difiza jekk inghatax il-gurament minn John Sacco wiegeb, *"Jekk niftakar tajjeb, le"*. Amadeo Busuttil ma xehedx f'dawn il-proceduri. Ghalhekk jekk kien hemm zball genwin minn naha tal-Magistrat Inkwirenti fid-digriet tan-nomina, dan l-izball qatt ma gie sanat fil-mori tal-inkarigu moghti lill-espert John Sacco u l-anqas wara. Dan japplika specifikament ghall-appellat Grazio Sammut fejn minbarra c-cahda tieghu hemm il-korroborazzjoni tal-Kurunell Wallace Camilleri. Dan ifisser quindi illi hemm dubbju kemm l-appellat Grazio Sammut seta` kiser id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 108(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront tieghu s-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti timmerita li tkun konfermata.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata".

**Ikkunsidrat Ulterjorment**
**Konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' Emanuel Formosa**

Illi *da parte* taghha l-Prosekuzzjoni ssostni li Emanuel Formosa ma ghandux jitqies bhala ko-imputat u dana peress li Formosa m'huwiex wiehed mill-persuni akkuzati fil-kawza odjerna. Il-Prosekuzzjoni, filwaqt li tirrikonoxxi li Emanuel Formosa huwa akkuzat quddiem Qorti ohra diversament preseduta, issostni li Emanuel Formosa ghandu jitqies bhala komplici. *Da parte* taghha, id-difiza tqies li Emanuel Formosa ghandu jigi kunsidrat bhala ko-imputat u b'hekk issotni li x-xiehda tieghu m'hijiex ammissibbli. Bhala parentezi, il-Qorti tinnota li Emanuel Formosa fl-ebda hin ma jaghmel riferenza ghal George Briffa f'dak li jghid. Formosa jeskludi lill-imputat Briffa.

Illi, apparti dak li nghad aktar il-fuq fir-rigward tal-Process Verbal, il-Qorti tinnota li minkejja li fir-rapport taghha mmarkat bhala Dok. "VA" (*a fol.* 105, precizament *a fol.* 66 tar-rapport *per se*) jinghad li Emanuel Formosa kkonferma z-zewg stqarrijiet li gew rilaxxati minnu, dawn iz-zewg stqarrijiet ma jirrizultaw minn imkien.

Illi, fir-rigward tal-ammissjoni ta' Emanuel Formosa, Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi".

Illi Artikolu 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra".

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq u apparti l-fatt li jirrizulta li Emanuel Formosa ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, u dana

ghamlu diversi drabi, u apparti l-fatt li b'Digriet moghti fid-19 ta' Gunju 2009 (*a fol.* 819 *et seq.*) il-Qorti diversament preseduta ordnat il-prosegwiment tal-kawza *ai termini* tal-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008, u cioé ghall-provi tad-difiza[14], il-Qorti tinnota wkoll li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2014 gie verbalizzat is-segwenti:

> "Il-Prosekuzzjoni u d-difiza kollegjalment jiddikjaraw li x-xhud Emanuel Formosa, imsemmi fil-proceduri huwa rinfaccat b'akkuzi kontra tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta, f'liema kaz ghadu pendenti.
>
> *In oltre*, jiddikjaraw ukoll illi l-akkuzi li bihom Emanuel Formosa huwa rinfaccat huma relattivament identici ghall-akkuzi mertu tal-proceduri odjerni, in kwantu jitrattaw ukoll l-istess incident mertu tal-proceduri odjerni quddiem din l-Onorabbli Qorti.
>
> Fl-ahhar lok, jinghad ukoll illi apparti Emanuel Formosa hemm ukoll akkuzati ohra li huma tnejn persuni ohra, certu Mario Cutajar u Alfred Degiorgio".[15]

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saada Sammut et** deciza fis-16 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Fil-waqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta legalment meta qalet li ma tistax tqis l-istqarrija ta' kull wiehed miz-zewg ko-imputati kontra xulxin a tenur tal-Artikolu 661 fuq citat u ghamlet sew meta ghamlet hekk, kienet skorretta meta qalet jew implikat li setghet tqis ix-xhieda tal-ko-imputat kontra l-ko-imputata l-ohra, l-appellanti odjerna, jekk ikollha "*cirkostanzi ohra li jservu ta' provi biex jikkorroboraw dak li qal l-imputat*" cioé ko-imputat.

[14] Il-Qorti tinnota li fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 772) il-Qorti diversament preseduta ddifferiet il-kawza ghal provi tad-difiza u b'Digriet datat 19 ta' Gunju 2009 (*a fol.* 819 *et seq.*) cahdet it-talba kontenuta fir-Rikors ipprezentat mill-Prosekuzzjoni fl-10 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 773 *et seq.*) fejn il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* dak li kien gie deciz fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008 u b'hekk il-Prosekuzzjoni talbet li jkomplu jinstemghu l-provi tal-Prosekuzzjoni.
[15] *A fol.* 983 *et seq.*

Illi l-pozizzjoni korretta hija li jghidu x' jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Hu biss hawn li mbaghad tiskatta r-regola procedurali kontenuta fl-Artikolu 639(3) li d-depozizzjoni tal-komplici wahedha ma tkunx bizzejjed jekk ma tkunx korroborata b'cirkostanzi ohra.

Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**. Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara wkoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella** [4.2.2004] u ohrajn). L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-Artikolu 636(b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda

tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.

Ghalhekk, f'dan il-kaz hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn *non si tratta* tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell - imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor".

Illi riferenza ghandha ssir ukoll ghad-digiet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**, fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

"L-Avukat Generali mhux jopponi li jingiebu bhala xhieda in difesa Nicholas Jensen Testaferrata, Francis Tabone, Maria Mizzi, Janet Grima u Suor Doreen Cuschieri; izda hu qed jeccepixxi l-inammissibilita' f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioé sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-

principju hu l-argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,

*"[la quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioé, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita' della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l-interesse di scagionarsi e di incriminare altri"* (**R. v. Carmelo Cutajar ed altri**, 18/1/1927, Kollezz. Deciz. XXVI.iv.758, 760).

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet: ***R. v. Filippo Pace***, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; ***P. v. Toni Pisani*** App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; ***R. v. Karmnu Vella***, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; ***P. v. Alfred W. Luck et.***, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u ***Rep. v. Domenic Zammit et***, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.

Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur <u>bl-istess reat</u> li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, <u>ma hux kompetenti li jixhed</u> (sia bhala xhud tal-Prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) <u>qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat</u>. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx. Anqas ma hu relevanti l-fatt imsemmi mill-abbli avukat Dott. Angelo Farrugia li kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju ordnata minn din il-Qorti ghax minkejja dik is-separazzjoni Carmel Attard jibqa' akkuzat (bhala ko-awtur) <u>ta' l-istess reat</u> li bih

> jinsab akkuzat Ian Farrugia fis-sens tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 636. Fil-verita', il-fatt li llum hemm separazzjoni tal-gudizzju – u l-esistenza o meno ta' tali separazzjoni hi primarjament decizjoni tal-Avukat Generali (Art. 591, 594, u 595, Kap. 9) – hi ta' ghajnuna ghall-akkuzat odjern ghax ifisser li meta l-kaz ta' Attard jghaddi in gudikat, Attard ikun jista' jigi prodott bhala xhud in difesa ta' Farrugia, mentri kieku ghadhom ko-akkuzati fl-istess process dan ma kien ikun qatt possibbli. Jekk sal-gurnata li ghaliha jinsab appuntat il-guri ta' Farrugia, il-kaz ta' Attard ma jkunx ghadu ghadda in gudikat, u Farrugia jkun ghadu jinsisti li jixhed Attard, l-imsemmi Farrugia ghandu rimedju ovvju".

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, jirrizulta li Emanuel Formosa ghandu jitqies bhala ko-imputat u b'hekk, apparti l-fatt li, kif diga nghad aktar il-fuq huwa ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, ma tistax issir riferenza ghal dak li huwa qal lil Dr. Veronica Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali (u dana apparti dak li diga nghad aktar il-fuq dwar in-nomina taghha u dwar jekk il-Process Verbal in kwistjoni (jew il-Vera Kopja tieghu!) giex maghmul regolarment). Dan qed jinghad apparti l-fatt li minkejja li dak li Formosa qal lil Dr. Veronica Aquilina jinsab fl-atti processwali u minkejja li l-Prosekuzzjoni tishaq li ma kienx hemm bzonn il-htiega li dan jerga' jitressaq bhala xhud f'din il-kawza ladarba gie ezebiet il-Process Verbal fl-atti processwali, u dana wara li l-Prosekuzzjoni ghamlet riferenza ghall-Artikolu 550(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, (liema Artikolu jaghmel riferenza ghal "process verbal maghmul regolarment") u fejn il-Prosekuzzjoni stiednet lill-Qorti sabiex ix-xhieda li hemm fl-atti tal-Process Verbal ghandhom jitqiesu bhala parti integrali minn dan il-process u tqishom bhala daqs li kieku saru quddiem il-Qorti, pero' il-Qorti, filwaqt li tirrikonoxxi li dak li qalet il-Prosekuzzjoni huwa legalment minnu pero fir-rigward ta' Emanuel Formosa s-sitwazzjoni hija differenti minhabba dak li nghad hawn fuq. Dak li nghad minn Emanuel Formosa u li jinsab fir-rapport ta' Dr. Veronica Aquilina ghandu jigi kkunsidrat bhala inammissibbli. Apparti minn dan, il-Qorti zzid ukoll li apparti l-ghazla ta' Formosa

li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, ma setghax isir il-kontro-ezami tieghu kif id-difiza kellha kull dritt li taghmel.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**
**Konsiderazzjonijiet fir-rigward tad-DNA *Testing* u l-Balaklavi**

Illi, kif diga nghad, il-proceduri odjerni fil-konfront taz-zewg imputati gew intavolati in segwitu tar-relazzjoni li gietipprezentata minn Matthew James Greenhalgh.

Illi jirrizulta li z-zewg hallelin li wettqu l-*hold-up* mertu tal-proceduri odjerni kienu mghammda u li ftit tal-granet wara nstabu zewg balaklavi. L-ebda DNA ma nstab fuq il-post fejn sehh il-*hold-up* in kwistjoni.

Illi l-Prosekuzzjoni, in vista ta' dak konkluz minn Greenhalgh fir-relazzjoni tieghu, issostni li minn fuq iz-zewg balaklavi li gew elevati mill-fond fejn instabu l-flus in kwistjoni, mentri minn wahda gie elevat il-profil ta' DNA tal-imputat Grech, mill-ohra gie elevat il-profil ta' DNA tal-imputat Briffa. Il-Qorti tinnota li, bhala stat ta' fatt, filwaqt li minn fuq Grech ttiehdu kampjuni tad-demm u tax-xaghar bil-basla (*a fol.* 18 sa 21 tar-rapport ta' Dr. Mario Scerri li jinsab *a fol.* 509), minn fuq Briffa ttiehdu kampjuni tax-xaghar bil-basla biss u dana *stante* li Briffa ma tax il-kunsens tieghu sabiex jittiehed kampjun tad-demm tieghu minhabba r-raguni li jibza' mil-labbra (*a fol.* 6 sa 9 tar-rapport ta' Dr. Mario Scerri li jinsab *a fol.* 509).

Illi l-Prosekuzzjoni tishaq li l-involviment tal-imputati fil-*hold-up* mertu tal-proceduri odjerni huwa wiehed car u dana tenut kont ta' dak li rrizulta mir-relazzjoni ta' Greenhalgh, ta' fejn instabu l-balaklavi u x'kien hemm maghhom.

Illi minkejja dak li jirrizulta mir-rapport (Dok. "MG" – *a fol.* 22 *et seq.*)[16] redatt mill-imsemmi Greenhalgh fir-rigward taz-zewg imputati fil-kawza odjerna, il-Qorti tinnota, minghajr tlaqlieq ta' xejn, li ghandha r-riverzi taghha dwar numru ta' fatturi relatati ma' dan ir-rapport. Dan qieghed jinghad minhabba s-segwenti:

[16] Dan huwa identiku ghal Dok. "MG 1" li jinsab *a fol.* 83 *et seq.* tal-Vera Kopja tal-Process Verbal.

- Minkejja li l-Qorti tirrikonoxxi li meta xehed Greenhalgh quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa jibda d-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 91 tal-Vera Kopja tal-Process Verbal) billi jghid li kien nominat bhala espert forensiku mill-Magistrat Inkwirenti, id-digriet tan-nomina tieghu ma jirrizultax mill-Process Verbal in kwistjoni u minn imkien iehor. Ghall-korrettezza jinghad ukoll li fir-rapport tieghu, meta l-Magistrat Inkwirenti gie biex jaghlaq il-Process Verbal imsemmi huwa qal li bid-digriet tas-7 ta' Novembru 2000 kien gie nominat Greenhalgh *"biex jezamina l-kampjuni tad-demm u xaghar elevati minn Dr. Mario Scerri"* (*a fol.* 4 tal-Process Verbal). Apparti mill-fatt li d-digriet tan-nomina msemmija ma tirrizulta minn imkien, ma ssir lanqas l-ebda riferenza ghall-balaklavi u ghall-ezami komparattiv u sabiex isir DNA *testing*. Tenut kont ta' dak li nghad f'dan il-paragrafu, il-Qorti tista' tieqaf hawn u tiddikjara r-rapport ta' Greenhalgh bhala wiehed inammissibbli pero, semplicement ghall-kompletezza, ser taghzel li taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

- Greenhalgh jghid li huwa nghata numru ta' *items* minn Christopher Farrugia. Il-Qorti tistghageb mhux ftit minn dak li nghad fid-depozizzjoni ta' Christopher Farrugia u mill-fatt li huwa, b'xi mod jew iehor, hejja r-rapport tieghu min-notamenti li kien ghamel diversi snin qabel! Il-Qorti ma tifhimx lanqas kif Farrugia (*a fol.* 672) qal li l-ezebiti ma kienux ghandu meta fil-Process Verbal hemm digriet datat 22 ta' Awwissu 2001 tal-Magistrat Inkwirenti fejn ordna li l-ezebiti (kampjuni ta' demm u xaghar) *"jinzammu taht il-kustodja ta' Christopher Farrugia li ghandu jipprezerva dawn l-ezebiti bil-mezzi necessarji peress li jehtieg li jkunu konservati b'mezzi ta' friza"* (*a fol.* 89 tal-Process Verbal). *A fol.* 90 tal-Process Verbal hemm ricevuta datata 22 ta' Awwissu 2001 tal-istess Christopher Farrugia li huwa kien ircieva diversi kampjuni ta' demm u xaghar.

- Illi fir-rapport (Dok. "MG" – *a fol.* 22 *et seq.*) tieghu, Greenhalgh jaghmel numru ta' osservazzjonijiet. Fir-rigward ta' balaklava minnhom huwa jghid: *"A **partial** STR profile matching Briffe [Briffa] George was obtained from this item"* u jkompli jghid: *"I*

*estimate that the probability of obtaining this profile if the cellular material on the balaclava did not originate from Briffe [Briffa] George, but came from another unrelated man who by coincidence has the same profile, **is approximately 1 in a billion**"* [emfazi mizjuda mill-Qorti] (*a fol.* 24). Fir-rigward tal-balaklava l-ohra huwa jghid: *"A **full** STR profile matching Joseph Grech was obtained from this item"* u jkompli jghid: *"I estimate that the probability of obtaining this profile if the cellular material on the balaclava did not originate from Joseph Grech, but came from another unrelated man who by coincidence has the same profile, **is less than 1 in a billion**"* [emfazi mizjuda mill-Qorti] (*a fol.* 24).

In segwitu ta' dan, Greenhalgh jasal ghall-konkluzjonijiet li r-rizultati: *"provide **extremely strong scientific support** for the assertion that the cellular material on the balaclava 8 originated from Briffe [Briffa] George"* (*a fol.* 24) u *"[...] on the balaclava 10 originated from Joseph Grech"* (*a fol.* 24).

Apparti l-fatt li fir-rigward ta' Briffa kien wiehed *"partial"* u dana b'differenza ghal Grech li jinghad li kien wiehed *"full"*, il-Qorti tinnota wkoll fil-kontro-ezami ta' Greenhalgh inghad is-segwenti:

Difiza: *"You mentioned in your report, that STA profiles are unlike, you said approximate one in a billion to be the same, correct?*

Xhud: *That's right.*

Difiza: *Now when one says one in a billion you say from another unrelated man?*

Xhud: *Yes.*

Difiza: *Therefore does this gives me to understand that when you say this ratio, you are only referring to unrelated people?*

Xhud: *Yes.*

Difiza: *And thus this does not apply to related people, am I correct?*

Xhud: *That's correct. DNA profiles are inheritative. We inherit our profiles half from our mother, half from our father. Individuals, such as brothers, would have a higher chance of having a matching profile than two unrelated individuals.*

Difiza: *Another thing, you were asked by Inspector Saliba regarding the profiles on the balaclava.*

Xhud: *Yes.*

Difiza: *That the profiles found were of one person.*

Xhud: *Yes.*

Difiza: *Am I correct to say that this does not mean that only one person wore it or touched it?*

Xhud: *I can't really say. All I can say is that the DNA I found is apparently from one person. If another person could have touched it or wore it very briefly.*

Difiza: *You did not find, but that does not rule out another person having used it.*

Xhud: *Exactly, yes"* (*a fol.* 42 *et seq.*).

- Meta Greenlagh kien qed jixhed in kontro-ezami huwa qal hekk: *"The tests were conducted by people working in the laboratory under my supervision. I examined the items and directed them to former tests, and then I analysed the results. […] I did not personally conduct the tests"* (*a fol.* 41). Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David *sive* David-Norbert Schembri** deciza fil-31 ta' Mejju 2007 fejn il-Qorti Kriminali rriteniet is-segwenti:

  "Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-ezebizzjoni ta'

dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-iSpettur Tonna dwar dan ir-*recording* kif xehdu Tonna huwa *hearsay evidence* u zgur kien mistenni – kif *del resto* hass l-istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-*recording*, u kif u f'liema cirkostanzi hadu u x'mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat *recording* sal-mument li gie konsenjat lill-iSpettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi *"oversight"* tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' ezebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza u l-paternita' tieghu u bla ma saret il-prova tal-kontinwita' tal-evidenza".

Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Renard Cassar** deciza fl-24 ta' Settembru 2009 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji u cioé mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (Art. 650(1) tal-Kap. 9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti *ex parte* imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (Art. 650(1) tal-Kap. 9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-*in genere* (Art. 548 u 549 tal-Kap. 9).

Issa f' dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analizi li saret minn David Gauci u li jinsab *a fol.* 11

tal-process seta' biss jigi kompilat b'hila u sengha specjali tal-istess analista u mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.

Konsegwentement, ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova.

Li suppost sar f' dan il-kaz kien li, appena l-Enemalta rrizultalha li fis-*samples* mehuda minghand l-appellat kien hemm diesel kontaminat, il-Malta Resources Authority jmissha talbet lill-Pulizija li titlob li tinfetah inkjesta magisterjali biex, permezz ta' periti nominati mill-Magistrat Inkwirenti – kif kien isir fil-kaz ta' tbaghbis mal-*meters* tad-dawl u tal-elettriku – jigi konstatat x' kien is-*sulphur content* tad-diesel prelevat. Dan jista' jsir billi minflok zewg kampjuni jigu prelevati tlieta, wiehed ghall-analizi preliminari privata tal-Enemalta Corporation, wiehed ghall-persuna li minn ghandu jkun ittiehed il-kampjun u wiehed, okkorrendo, ghall-analizi eventwali minn perit nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan.

Seta' wkoll koncepibbilment, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, gie nominat perit mill-Ewwel Qorti f'dan il-kaz biex, indipendentement mill-analizi li saret minn David Gauci, janalizza l-istess kampjun jekk dan kien ghadu jezisti fil-mori ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ma sarx.

Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti".

- Greenhalgh in kontro-ezami qal li meta inti taghmel DNA trid tqabblu mad-*database* tal-popolazzjoni. Pero huwa jghid li ma ghandhomx *database* tal-popolazzjoni Maltija. Huwa qal: *"In this particular case I have looked to three databases of widely different ethnic groups, a group of British, a group of Caribbeans, and a group of Indians"* (*a fol.* 39). Il-Qorti tistaqsi ghala ma sarx taqbil mad-*database*, per ezempju, tad-dinja Gharbija meta jigi kkunsidrat x'tahliet kellu l-poplu Malti tul iz-zmien u d-diversi persuni li hakmuha!

- Bhala stat ta' fatt, il-Qorti ma tistax tinjora dak li qal Dr. Mario Scerri fid-depozizzjoni tieghu fir-rigward ta' *Cellmark*. Dr. Scerri kien kawt hafna waqt il-kontro-ezami tieghu meta kien qed jitkellem fuq *Cellmark* u dwar dak li kien jisma' fuq *Cellmark* meta kien imur konferenzi barra pero dak li qal xorta ghandu l-piz tieghu. Huwa jghid li ma hassux komdu jahdem ma' *Cellmark* pero kien aktar komdu jahdem ma' laboratorju iehor. Huwa interessanti wkoll dak li jixhed Dr. Mario Scerri meta spjega kif jigi trasferit u trasmess id-DNA: fejn ghamel riferenza ghal meta tilbes qmis u jkollok l-gharaq u f'kaz li tilbes balaklava u titkellem.

- Fir-rigward tal-imputat Briffa, il-Qorti semghet kif fis-sena 1999 giet elevata barnuza/balaklava mid-dar tieghu, liema barnuza/balaklava jirrizulta li ma gietx ritornata lura lilu u ma jirrizultax fejn tinsab. *Da parte* tieghu, is-Supretendent Martin Bayliss spjega li hu ma kellu x'jaqsam xejn maghha.

- Illi l-ebda wiehed mis-sigaretti li gew ezaminati minn Greenhalgh u li gew elevati, b'mod partikolari mill-vettura Hyundai li ntuzat biex twaqqaf il-vann tal-*Group 4* dakinhar tas-serqa, ma qabel mal-imputati fil-kawza odjerna.

- Kif diga nghad, minn fuq Grech ittiehed kampjun ta' demm. Jirrizulta li dan is-*sample* ittiehed waqt li Grech kien arrestat, f'liema zmien, apparti li persuna ma kellhiex dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat, ma kienux ghadhom dahlu fis-sehh is-sensiela ta' Artikoli fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li

jirregolaw kampjuni intimi, fis-sens li ghandu jinghata l-kunsens tal-persuna, x'jigri meta persuna tirrifjuta u l-inferenzi mir-rifjut. *Di fatti*, Artikoli 355AW *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew mizjuda permezz ta' Att Numru III tas-sena 2002.

Artikolu 355AX(2) jistabbilixxi li meta Magistrat jiddeciedi li t-talba sabiex jittiehdu kampjuni intimi minn fuq persuna arrestata tkun wahda gustifikata, huwa ghandu jzur lil din il-persuna biex jitlob il-kunsens taghha u qabel ma jitlob il-kunsens taghha huwa ghandu, fost l-ohrajn, jinfurmaha li ghandha l-jedd tikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali qabel ma tiddeciedi jekk ghandhiex taghti jew le l-kunsens taghha. Kif diga' nghad, dan ma kienx jezisti meta sehh il-*hold-up* tal-kaz odjern.

Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghad-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 u ghall-mod kif svolgiet il-gurisprudenza u dana *stante* li kien hemm zmien fejn kien hemm pozizzjonijiet varji dwar jekk stqarrija li kienet mehuda qabel gie ntrodott dan id-dritt imsemmi kellhiex tigi skartata jew le. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, il-Qorti Ewropea, b'riferenza ghall-istqarrija, ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti qieset li ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl ta' numru ta'

decizjonijiet minnha citati fis-sentenza taghha, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Il-Qorti tinnota li minkejja li dawn is-sentenzi jaghmlu riferenza ghall-istqarrijiet *per se* rilaxxati mill-imputati fil-kazijiet kontra taghhom, pero ma jistghax jigi njorat il-fatt li, fil-kaz ta' tehid ta' kampjuni intimi, issa l-ligi tipprovdi li persuna arrestata ghandha dritt li tikkonsulta ruhha ma' avukat, li fiz-zmien tal-*hold-up* in kwistjoni ma kienx jezisti. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet l-ohra li saru hawn fuq f'din it-taqsima ta' konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn taghmel konsiderazzjonijiet ohra dwar it-tehid ta' kampjuni intimi u dwar id-dritt imsemmi u ntrodott ftit taz-zmien wara li sehh il-*hold-up de quo*.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

- Iz-zewg persuni mghammda li wettqu l-*hold-up* ma gewx identifikati minn hadd. *Da parte* tieghu, anqas Saviour Galea ma kienx f'pozizzjoni li jidentifikahom. Meta, in kontro-ezami, l-avukat difensur staqsieh jekk jikkonfermax li dawn iz-zewg persuni kienu t-tnejn twal, Galea wiegeb: *"Ha nghidlek hekk mhux nikkonfermah, ghax kif ghidtlek ftit rajtu ghax mar fuq wara. Il-bqija ma stajtx narah iktar. Il-hsieb li ghaddieli dak il-hin jigifieri. Ta' quddiem iva stajt nikkonfermah pero l-iehor just rajtu hekk"* (*a fol.* 474). Mistoqsi jekk jaqbilx li, fil-perspettiva tieghu, it-tnejn li huma kienu twal pero dak li kien bis-*senter* kien zgur li kien twil, wiegeb fl-affermattiv.

- Fir-rigward tal-imputat Briffa, il-Qorti tinnota li l-investigazzjoni tal-Pulizija teskludih hlief li l-Prosekuzzjoni tikkontendi li fil-5 ta' Novembru 2000 sabet balaklava fejn jinghad li fuqha kien hemm *partial* DNA tieghu. Apparti minn dan, jirrizulta li meta fis-27 ta' Ottubru 2000 instab il-vann

jinharaq, l-imputat Briffa kien arrestat u li ma jirrizultax li kien harab mill-kustodja tal-Pulizija.

- Minkejja li bhala stat ta' fatt irrizulta li l-imputat Grech kien kera vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBK 107 mis-17 ta' Ottubru 2000 sal-31 ta' Ottubru 2000, u dana jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Joe Ciscaldi ta' *Butterfly Garage* (*a fol.* 229 *et seq.*), u minkejja li PC 1491 Gino Demanuele xehed li meta kien ghaddej minn hdejn ic-Centru Ruzar Briffa dakinhar tal-*hold-up* ra din il-vettura b'mod suspettuz u persuna go fiha pero jirrizulta li huwa ma gharafx min kienet din il-persuna.

- Il-Prosekuzzjoni taghmel riferenza ghall-informazzjoni kunfidenzjali li rceviet fir-rigward tal-imputati Grech u Briffa li kienu nvoluti f'dan il-kaz. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza li kienet qed titratta eccezzjonijiet preliminari in segwitu ta' Att ta' Akkuza, liema sentenza ggib l-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Zerafa** u li giet moghtija fis-6 ta' Gunju 2011, il-Qorti Kriminali, meta kienet qed titratta ma' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' ta' kull riferenza li saret minn certu xhieda tal-Prosekuzzjoni ghall-informazzjoni anonima li dahlet lill-Pulizija dwar l-involviment tal-persuna akkuzat fir-reati lilu addebitati, sahqet is-segwenti:

  > "Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni qed tirreferi ghall-*hearsay rule*. Huwa dmir tal-Qorti li tfiehem lill-gurati li dak li jixhdu l-membri tal-Pulizija Esekuttiva jrid ikun ippruvat permezz ta' xhieda li semghu jew raw. Ghalhekk hija u tindirizza lill-gurati trid tigbed l-attenzjoni tal-gurati li informazzjoni anonima m'ghandha ebda valur probatorju. B'dan il-mod tkun rizolta t-tieni eccezzjoni li qajmet id-difiza".

- Il-Prosekuzzjoni tishaq li fil-31 ta' Ottubru 2000 l-imputati Grech u Briffa harbu u gew segwiti mill-Pulizija peress li tishaq li z-zewg imputati kienu qeghdin b'mod suspettuz fis-Siggiewi. Il-Qorti tinnota li ma nstab xejn minn tfittxija li saret fuqhom tant li gew rilaxxati. Ghandu jigi nnutat ukoll li mid-

depozizzjoni li ta l-iSpettur Carmelo Magri rigward dan kollu jirrizulta li huwa mar fejn kienu gew intercettati z-zewg imputati fil-Marsa u li ntqal lilu dak li kien gara qabel!

- Ir-rapport ta' Joseph Mallia ma jimplika lill-ebda wiehed miz-zewg imputati bl-ebda mod.

- Minkejja li l-imputati ghazlu li ma jwegbux ghad-domandi li sarulhom meta kienu qed jittiehdulhom diversi stqarrijiet (*a fol.* 72 *et seq*.), il-Qorti, in vista ta' dak li nghad aktar il-fuq u *stante* li dawn ittiehdu minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, tinnota li dawn l-istqarrijiet ma jistghux jigu meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartahom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputati kellhomx xi involviment f'dak li huma qed jigu akkuzati bih f'dawn il-proceduri, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Dak li jirrizulta mill-atti processwali jista' jindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jista' qatt ikun prova univoka u ma jista' qatt jwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemerġu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom straħet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li fuq dawk iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u ċioé li l-imputati appellanti huma ħatja mingħajr

dubbju dettat mir-raġuni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wieħed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiġġeneraw suspett raġonevoli li l-imputati ikkommettew l-għemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma hix bizzejjed sabiex jintlaħaq il-grad għoli ta' prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali".

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputati humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali jridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verita', u dan qed jinghad biss bhala stat ta' fatt, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova li turi illi l-imputati kienu prezenti fuq ix-xena tar-reat tal-*hold-up* f'Triq il-Kanun, Santa Venera dakinhar tas-26 ta' Ottubru 2000 jew li kellhom xi involviment fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li jinsabu akkuzati bihom

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Joseph Grech u George Briffa hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberahom minnhom.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**